LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 254.01

REGOLAMENTI DWAR SERVIZZI POSTALI (ĠENERALI)

4 ta' Ottubru, 2005

L-AVVIŻ LEGALI 328 tal-2005, kif emendat bl-Avviżi Legali 423 tal-2007, 28 tal-2009, 457 tal-2010 u 408 tal-2012.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti dwar Servizzi Postali (Ġenerali). Titolu.

Taqsima I

Preliminari

2. (1) Kull riferenza f'dawn ir-regolamenti għal "l-Att" hija riferenza għall-Att dwar Servizzi Postali u kull regolament magħmul taħtu sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (2), id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 ta' dak l-Att għandhom japplikaw għal dawn ir-regolamenti. Tifsir. *Emendat: A.L. 28 tal-2009; A.L. 457 tal-2010; A.L. 408 tal-2012.* Kap. 254.

(2) F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor:

"arranġament postali" għar-rigward tat-terminazzjoni ta' oġġetti postali bil-posta bejn Malta u xi pajjiż ieħor, tfisser kull trattat, konvenzjoni, ftehim jew qbil għal dak l-għan bejn Malta u dak il-pajjiż l-ieħor, jew li jkun jgħodd għal dawk iż-żewġ pajjiżi, jew għal xi wieħed minnhom, jew li sew dawk iż-żewġ pajjiżi sew xi wieħed minnhom ikunu parti fihom;

"arranġament ta' kambju ta' *money order*" tfisser kull trattat, konvenzjoni, ftehim jew qbil irrispettivament mill-mod kif inhu deskritt, bejn Malta u pajjiż ieħor, jew li jkun japplika għal dawk iż-żewġ pajjiżi jew għal xi wieħed minnhom, jew li dawk iż-żewġ pajjiżi jew xi wieħed minnhom ikunu parti fihom, li jkunu jirregolaw l-ħruġ, it-trasmissjoni u t-tisrif ta' *money orders* permezz ta' amministrazzjonijiet postali;

"awtorità regolatorja nazzjonali" tfisser dak il-korp li jista' jiġi avżat għall-finijiet tal-liġi tal-Komunità lill-Kummissjoni Ewropea minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea bħala li jkunx ġie assenjat xi impenji fir-regolament tas-servizzi postali;

"detentur ta' kaxxa" tfisser persuna li f'isimha tkun reġistrata kaxxa privata ta' kunsinna;

"dieħel f'Malta", kif applikata għal oġġett postali ta' kull xorta ta' deskrizzjoni, tfisser oġġett postali riċevut bil-posta minn post barra minn Malta biex jiġi kunsinnat f'xi post f'Malta;

"direttiva" tfisser kull direttiva li l-Awtorità tista' toħroġ skont l-artikolu 4 tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni; Kap. 418.

"ħiereġ minn Malta", kif applikata għal oġġett postali ta' kull xorta ta' deskrizzjoni, tfisser oġġett postali impustat f'Malta sabiex

jintbagħat permezz tal-posta lejn post barra minn Malta;

"identifikatur postali" tfisser kull bolla, marka postali jew impressjoni li hi unika għal kull operatur postali u li tkun tissodisfa dan li ġej:

(*a*) li tkun imwaħħla, impressa jew stampata fuq oġġetti postali;

(*b*) li tkun eskluživament tidentifika lill-operatur postali; u

(*ċ*) li tkun tindika b'mod ċar lill-membri tal-pubbliku li dawk l-oġġetti postali ġew, jew kienu intiżi li jiġu, aċċettati minn dak l-operatur postali bl-iskop li jinġarru bil-posta;

"infrastruttura postali" tinkludi kull infrastruttura fiżika bħal ma huma kaxxi tal-ittri u kaxxi ta' kunsinna, u infrastruttura f'għamla mhux fiżika bħal ma huma informazzjoni dwar kodiċijiet postali, informazzjoni fuq bdil ta' indirizz, servizz ta' direzzjoni mill-ġdid, servizz li bih oġġett jintbagħat lura lill-mittent, jew arranġamenti magħmulin ma' oħrajn biex jingħata xi servizz postali;

"karti tal-flus" tinkludi:

(*a*) karti tal-flus ta' bank jew karti tal-flus tal-munita kurrenti f'Malta jew f'xi pajjiz ieħor,

(*b*) *money orders* u *postal orders*,

(*ċ*) bolli mhux imħassra li jkunu jistgħu jinkisbu għal użu kurrenti f'Malta jew x'imkien ieħor,

(*d*) titoli tat-Teżor, kambjalijiet, noti fiduċjari, ċekkijiet, noti ta' kreditu li jagħtu l-jedd lid-detentur għal flus jew oġġetti, u kull ordni jew awtorizzazzjoni għall-ħlas ta' flus, sew jekk dawn ikunu negozjabbli sew jekk le,

(*e*) *bonds* u kupuni li għandhom x'jaqsmu magħhom, u titoli oħra għal flus, sew jekk dawn ikunu negozjabbli sew jekk ma jkunux, u

(*f*) kupuni, *vouchers*, *tokens*, kards, bolli jew dokumenti oħra, li jistgħu jinbidlu (waħedhom jew ma' dokumenti oħra bħal dawk) fi flus, oġġetti jew servizzi;

"kaxxa privata ta' kunsinna" tfisser kaxxa mqiegħda f'uffiċċju postali u li fiha jitqiegħdu oġġetti postali, minbarra pakki, sabiex dawn jinġabru minn dak id-detentur ta' kaxxa jew mill-aġent awtorizzat tiegħu;

"klijent" tfisser kull persuna li tista' tkun ukoll operatur postali, li tixtri servizz postali mingħand operatur postali;

"Kummissjoni Ewropea" tfisser il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej;

"magna ta' affrankament" tfisser magna biex tagħmel impressi li juru l-valur ta' pustaġġ imħallas minn qabel fuq oġġetti postali;

"marka postali" tfisser kull marka jew impressa applikata minn operatur postali fuq oġġett postali għal kull skop postali;

"munita" tfisser munita, sew jekk kurrenti sew jekk le, minbarra dik li tkun qegħda tiġi użata jew li tkun intiża għal għanijiet ornamentali;

"oġġetti għall-użu tal-għomja" tfisser:

(*a*) oġġetti ta' korrispondenza lil persuni għomja u mingħandhom, impressi jew xort'oħra preparati għall-użu tal-għomja,

(*b*) kotba, katalogi, gazzetti u perjodiċi, impressi jew xort'oħra preparati sabiex jintużaw mill-għomja jew li jigu impustati lil xi persuna bl-iskop li dawn jiġu impressi jew preparati b'dan il-mod,

(*ċ*) kull għajnuna sabiex l-għomja jitgħallmu l-*braille*,

(*d*) *plates* biex tiġi impressa l-letteratura għall-għomja,

(*e*) kull xorta ta' reġistrazzjoni ta' kliem għall-użu tal-għomja, u

(*f*) mezzi li jgħallmu l-*braille*, inklużi għodda, strumenti ta' preċiżjoni u logħob (inkluż logħob tal-karti), u tinkludi kull oġġett ieħor li l-Awtorità tqis bħala oġġett biex jintuża mill-għomja;

"*Poste Restante*" tfisser servizz li bih oġġett postali jiġi indirizzat lil uffiċċju postali speċifiku f'Malta sabiex dan jinġabar mill-indirizzat;

"preskritt" tfisser preskritt minn dawn ir-regolamenti;

"strixxa tal-impressa" tfisser it-tikketta mwaħħla ma' oġġett postali u li tkun turi fuqha impressa magħmula minn magna ta' affrankament u li tindika l-valur ta' pustaġġ imħallas bil-quddiem;

"Stat Membru" tfisser kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Applikazzjoni.

3. Dawn ir-regolamenti, ħlief meta jiġi provdut mod ieħor, japplikaw għal oġġetti postali impustati f'Malta għal kunsinna f'xi post f'Malta jew barra minn Malta u għal oġġetti postali impustati f'xi post barra minn Malta għal kunsinna fi kwalunkwe post f'Malta.

Proprjetà ta' oġġetti postali.

4. Salv kif ipprovdut mod ieħor fl-Att jew f'dawn ir-regolamenti, oġġett postali għandu jibqa' l-proprjetà ta' min jibagħtu sakemm dan jiġi kkunsinnat lis-sid leġittimu tiegħu ħlief meta dak l-oġġett ikun ġie maqbud konformament mal-liġijiet tal-pajjiż destinatarju.

Taqsima II

Rekwiżiti għal Servizzi Postali

Projbizzjonijiet.
Emendat: A.L. 457 tal-2010.

5. Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 66 tal-Att, ma għandux jiġi impustat, jew mogħti jew mgħoddi lil ħaddieħor biex jintbagħat bil-posta jew biex jiġi kunsinnat bil-posta, oġġett postali li:

(*a*) jkun fih xi imitazzjoni ta' karti ta' flus jew ta' noti bankarji jew ta' xi dokumenti foloz imsemmija fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kodiċi Kriminali; jew

Kap. 9.

(*b*) jkun fih xi materjal ta' liema xorta tkun, li l-pussess

jew trasmissjoni tiegħu jikkostitwixxu reat kriminali; jew

(*ċ*) jkun fih jew ikollu fuqu xi bolla fittizzja, li ma tkunx bolla fittizzja awtorizzata taħt l-Att, jew xi impressa falza ta' magna tat-timbri jew tal-affrankament, jew xi falsifikazzjoni ta' xi impressa oħra awtorizzata minn dawn ir-regolamenti użata biex turi li jkun sar il-ħlas tal-pustaġġ jew ta' kull ħlas ieħor; jew

(*d*) jkollu fuqu, jew fuq il-qoxra tiegħu, xi kliem, ittri jew marki li jintużaw mingħajr ebda awtorità kif imiss, iżda li juru jew jiftiehmu, jew jistgħu b'mod raġonevoli jwasslu lil min jirċevih jaħseb, li l-oġġett postali jkun mibgħut bħala Servizz tal-Gvern; jew

(*e*) jkun ta' dak id-daqs, għamla jew kulur jew li jkun hekk magħmul biex jintbagħat bil-posta li x'aktarx jista' jdaħħal dubju f'moħħ l-uffiċjali tal-operatur postali li jimmaniġġaw dak l-oġġett postali; jew

(*f*) jkollu xi ħaġa miktuba, stampata jew impressa fuqu jew imwaħħla miegħu li, jew għax għandha mnejn ma tħallix il-qari faċli u ta' malajr tal-indirizz fuq l-oġġett postali jew għax tkun qrib b'mod inkonvenjenti tal-bolla jew bolli użati fil-ħlas tal-pustaġġ, jew b'xi mod ieħor, tkun minnha, jew bil-mod li tkun miktuba, stampata, impressa jew imwaħħla, x'aktarx iddaħħal dubju f'moħħ l-uffiċjali tal-operatur postali li jimmaniġġaw dak l-oġġett postali; jew

(*g*) fuqu l-ħlas ta' pustaġġ jew ta' ħlasijiet oħra jkun jidher li sar b'xi bolla jew impressa li tkun ġiet qabel użata biex turi l-ħlas ta' pustaġġ jew ta' ħlasijiet fuq xi oġġett postali ieħor; jew

(*h*) jkun fih xi sustanza narkotika jew psikotropika jew ta' xi droga jew mediċina oħra kemm-il darba t-trasmissjoni tiegħu bil-posta ma jkunx awtorizzat b'xi liġi jew taħtha; jew

(*i*) jkun fih materjal radjuattiv ħlief meta jkun hemm arranġament postali għat-trasmissjoni ta' materjal bħal dak.

Ippakkjar u pustaġġ.

6. (1) Kull oġġett postali għandu jkun magħmul u magħluq b'mod li hu maħsub li ma jagħmilx ħsara lil xi oġġett postali ieħor, lil xi kontenitur li dan jinġarr fih, jew korriment lil xi uffiċjal tal-operatur postali jew lil xi persuna oħra li tista' timmaniġġa dak l-oġġett postali.

(2) Meta oġġett postali ħiereġ minn Malta ikun impustat jew mogħti jew mgħoddi lil ħaddieħor biex jintbagħat bil-posta, min jibagħtu għandu jimla dawk iċ-ċertifikati u dokumenti u jwaħħal dawk it-tikketti relatati mal-kontenut tal-oġġett postali skont kif jista' jkun mitlub mil-liġi tal-pajjiż li lejh l-oġġett ikun indirizzat, jew xort'oħra skont ma kif l-operatur postali li jkun qed jibgħat dak l-oġġett postali jista' jordna.

(3) L-indirizz fuq oġġett postali ma għandu b'ebda mod jkun

tali li ma jistax jinqara jew li jkun diffiċli biex jinqara.

Oġġetti postali irregolari li joħorgu minn Malta jew jidħlu f'Malta.

7. Salv kif ipprovdut mod ieħor taħt l-Att, kull oġġett postali li, la darba li jkun impustat, jinsab ma jkunx konformi mal-liġi tal-pajjiż fejn l-oġġett postali kien impustat jew ikun li lejh hu indirizzat jew mhux skont il-liġi ta' xi pajjiż li jista' jgħaddi minnu jista' jgħaddi, jew li ma jkollux miegħu xi dokument meħtieġ minn xi liġi bħal dik hawn qabel imsemmija, dan jista' jsir minnu b'dak il-mod li l-operatur postali jista' jqis li jkun xieraq skont il-liġi li tkun tapplika:

Iżda l-operatur postali għandu jżomm reġistru fejn jigu reġistrati l-oġġetti postali kollha li jistgħu jitwarrbu taħt dan ir-regolament u għandu, meta hekk jiġi mitlub jagħmel mill-Awtorità, jibgħat lista lill-Awtorità ta' dawk l-oġġetti postali mwarrba b'dak il-mod.

Bolli fittizji jew użati.
Miżjud: A.L. 457 tal-2010.

7A. (1) Meta oġġett postali jasal bil-posta f'xi uffiċċju postali -

(*a*) li jkollu mwaħħla bolla fittizja; jew

(*b*) li jagħti x'tifhem li jkun ġie mħallas minn qabel b'xi bolla li tkun ġiet qabel użata biex jiġi mħallas minn qabel xi oġġett postali ieħor jew li kienet ġiet xort'oħra qabel użata għal xi għan ieħor,

l-uffiċjal ta' operatur postali għandu, jekk l-indirizzat ikun jirrisjedi Malta, jibgħat avviż lill-indirizzat fejn jistiednu biex jattendi, jew personalment jew billi jibgħat aġent, fi żmien speċifikat f'uffiċċju postali biex l-oġġett postali jiġi hemm kunsinnat lilu, u jekk l-indirizzat ikun jirrisjedi barra minn Malta, l-operatur postali għandu jagħmel mill-oġġett postali hekk kif l-Awtorità tista' fiċ-ċirkostanzi tqis li jkun adatt.

(2) Jekk l-indirizzat jew l-aġent tiegħu imur f'uffiċċju postali fiż-żmien speċifikat fl-avviż u jagħti l-kunsens tiegħu li jgħarraf lil dak l-uffiċjal bl-isem u l-indirizz ta' min ikun qed jibgħat l-oġġett postali u li jerġa' jikkunsinna lill-uffiċjal hawn qabel imsemmi dik il-biċċa mill-oġġett postali li jkun fiha l-indirizz u bolla fittizja jew li tkun ġiet qabel użata jew, jekk l-oġġett postali jkun inseparabbli mill-bolla, l-oġġett postali kollu kemm hu, l-oġġett postali għandu jiġi kunsinnat lill-indirizzat jew lill-aġent tiegħu.

(3) Jekk l-indirizzat, jew l-aġent tiegħu, jonqos milli jmur f'uffiċċju postali fiż-żmien speċifikat fl-avviż, jew minkejja li jkun mar fiż-żmien speċifikat, jirrifjuta milli jgħarraf l-isem u indirizz ta' min jibgħat l-oġġett jew milli jerġa' jikkunsinna l-oġġett postali jew dik il-biċċa minnu kif meħtieġ bis-subregolament (2), m'għandux l-oġġett postali jiġi kunsinnat lilu, iżda għandu jintgħamel minnu mill-operatur postali hekk kif l-Awtorità tista' tordna, minbarra s-sekwestru tal-oġġett.

Kull fond għandu jkollu l-kaxxa tal-ittri tiegħu.
Miżjud: A.L. 457 tal-2010.

7B. (1) Kif hemm fl-artikolu 40 tal-Att, l-appartamenti kollha għandhom jiġu provduti mis-sid jew l-inkwilin tagħhom b'kaxxi ta' l-ittri privati u separati li jinqaflu, waħda għal kull appartament:

Iżda kull kaxxa tal-ittri privata bħal dawk għandu jkollha fuqha n-numru tal-appartament li tkun tappartjeni għalih:

Iżda wkoll dawk il-kaxxi tal-ittri kollha privati għandhom jitwaħħlu ġewwa jew barra l-intrata jew il-kuritur biswit il-bieb prinċipali ta' dħul komuni jew f'imkien fil-pjan terren li jkun jidher faċilment u li jkollu dħul liberu.

(2) Kull fond li jkollu d-dħul prinċipali tiegħu aktar minn erba' metri u nofs 'il bogħod mill-kanċell jew aċċess ieħor għat-triq, għandu jkun provdut b'kaxxi tal-ittri privati li jinqaflu u li jkunu minnufih aċċessibbli mit-triq.

(3) Il-fondi l-oħra kollha għandhom jiġu provduti b'fetħa fejn tintefa' l-posta li tkun minnufih aċċessibbli mit-triq.

(4) Oġġett postali, li ma jkunx oġġett postali reġistrat jew assigurat, għandu jitqies li jkun ġie kunsinnat kif imiss meta dak l-oġġett postali ikun intefa' f'kaxxa tal-ittri privata kif meħtieġa li tiġi provduta taħt dan ir-regolament u li jkollha l-istess indirizz bħal dak muri fuq l-oġġett postali.

(5) F'dan ir-regolament, "appartament" tfisser u tinkludi kull parti minn xi bini li jkun mikri jew okkupat, jew li jkun maħsub li jiġi mikri jew okkupat, separatament u li jkollu bieb ta' dħul prinċipali komuni mit-triq ma' partijiet oħra tal-istess bini.

(6) L-Awtorità tista' f'ċirkostanzi speċjali teżenta persuni bil-miktub milli jikkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

Oġġetti postali kunsinnati f'uffiċċju postali li ma jistgħux jiġu sekwestrati ħlief f'ċerti każijiet. *Miżjud: A.L. 457 tal-2010.*

7Ċ. (1) B'riżerva għal kif xort'oħra provdut fl-Att jew dawn ir-regolamenti, ebda oġġett postali, filwaqt li dan ikun jinsab f'uffiċċju postali jew f'idejn uffiċjal ta' operatur postali, ma'għandu assolutament għal ebda raġuni, sew permezz ta' xi mandat jew ordni ta' xi qorti jew awtorità oħra, jiġi elevat jew sekwestrat, ħlief f'dawn il-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta l-indirizzat ikun mejjet u l-oġġett postali jintalab minn xi eredi wieħed jew aktar jew minn xi persuna oħra li jkollha interess;

(*b*) meta l-oġġett ikun ġie orndat li jiġi elevat mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-azzjoni kriminali u għall-finijiet tagħha.

(2) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmija fis-subregolament (1)(*a*) u (*b*) l-oġġetti postali elevati jew sekwestrati m'għandhomx jiġu kunsinnati ħlief lill-persuna maħtura mill-qorti kompetenti u dik il-persuna tkun marbuta bis-sigriet.

Kunsinna ta' oġġetti postali fil-każijiet ta' falliment. *Miżjud: A.L. 457 tal-2010.*

7D. F'kull każ ta' falliment il-qorti kompetenti tista' tordna li oġġetti postali indirizzati lill-persuna li tkun aġġudikata falluta jiġu kunsinnati minn xi uffiċjal ta' operatur postali lill-kuratur tal-beni tal-persuna falluta jew lil kull persuna oħra maħtura mill-qorti. F'kull każ bħal dak il-persuna aġġudikata falluta jew ir-rappreżentanti tagħha jistgħu jattendu fil-waqt li jinfetħu l-oġġetti postali, u, jekk il-kontenut relattiv ma jkollux x'jaqsam mal-beni tal-fallut, dik il-persuna jew ir-rappreżentanti tagħha jistgħu jitolbu li dan jiġi kunsinnat lilhom, u l-kuratur jew il-persuna maħtura mill-qorti għandha, dwar dawk l-oġġett postali, tkun marbuta bis-sigriet:

Iżda meta persuna tkun ġiet maħtura skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju biex tieħu ħsieb il-beni ta' bank jew tassumi l-kontroll tal-kummerċ tal-bank jew hekk kif tista' tiġi ordnata tagħmel mill-awtorità kompetenti kif hemm fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, kull oġġett postali indirizzat lill-bank, soċjetà jew ditta li dik il-persuna jkollha setgħa dwarhom taħt dak l-Att, għandu jiġi kunsinnat lil dik il-persuna.

Kap. 371.

7E. Meta d-dispaċċ jew il-kunsinna ta' ittri minn uffiċċju postali jkunu mdewma bid-dispaċċ jew il-kunsinna mill-istess uffiċċju fl-istess ħin ta' oġġetti postali oħra, dawk l-oġġetti l-oħra jew x'uħud minnhom jistgħu jinżammu għal dak iż-żmien daqskemm fil-fehma tal-operatur postali involut ikun strettament meħtieġ biex ma jikkaġunax dak id-dewmien:

Il-kunsinna ta' ittri għandha tieħu preċedenza fuq il-kunsinna ta' oġġetti postali oħra.
Miżjud: A.L. 457 tal-2010.

Iżda l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni mill-operatur postali involut għandha tkun soġġetta għat-tħaris ta' dawk il-miżuri kollha li l-Awtorità tista' tkun teħtieġ.

7F. Ħadd m'għandu jibda jaqdi d-dmirijiet ta' uffiċjal ta' operatur postali kemm-il darba persuna ma tkunx qabel ħadet ġurament, skont id-dikjarazzjoni li hemm fit-Tieni Skeda.

Dikjarazzjoni li għandha ssir mill-uffiċjali tal-posta.
Miżjud: A.L. 457 tal-2010.

7G. (1) Ebda uffiċjal ta' operatur postali ma jista' jiżvela xi informazzjoni dwar oġġetti postali li jkunu jinsabu fil-posta mingħajr il-kunsens ta' min ikun qed jibgħathom jew tal-persuna lil min ikunu indirizzati, jew jiżvela xi informazzjoni li huwa seta' jkun kiseb minħabba fil-kariga tiegħu, ħlief bil-għan li jaqdi dmirijietu ma' operatur postali, jew ta' kull azzjoni dwar xi reat kontra xi liġi, jew f'dawk il-każijiet l-oħra li huwa jista' jkun awtorizzat jew meħtieġ bil-liġi li jiżvela dik l-informazzjoni.

Segretezza.
Miżjud: A.L. 457 tal-2010.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) għandhom jibqgħu japplikaw għal kull persuna li xi darba kien uffiċjal ta' operatur postali ukoll wara li dan itemm milli jibqa' jservi bħala tali uffiċjal dwar kull informazzjoni li huwa jkun kiseb meta kien għadu jservi bħala tali uffiċjal.

7H. (1) Kif hemm fil-linji gwida li għandhom jiġu stipulati mill-Awtorità, kull operatur postali għandu jabbozza proċeduri trasparenti, sempliċi u mhux kostużi biex jittratta lmenti minn utenti, partikolarment f'każijiet li jkunu jinvolvu xi telf, serq, ħsara jew nuqqas ta' konformità ma' *standards* ta' kwalità fis-servizz. Dawn il-proċeduri għandhom iwasslu biex it-tilwimiet jiġu riżoluti b'mod ekwu u ta' malajr u mhux kostuż.

Ilmenti u riżolviment ta' kontroversji.
Miżjud: A.L. 457 tal-2010.

(2) Il-provditur ta' servizz universali u hekk kif l-Awtorità tista' tqis li jkun adatt, kull operator li jkun qed jipprovdi servizzi fl-iskop tas-servizz universali, għandu mill-inqas darba fis-sena kalendarja jippubblika informazzjoni dwar l-ilmenti kollha li jkun irċieva, fejn jagħti rendikont dwar is-suġġett tagħhom u kif dawn ikunu ġew ittrattati.

Taqsima III

Servizzi Universali

Servizzi universali.
Emendat:
A.L. 457 tal-2010.

8. Kemm-il darba ma jiġix provdut mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, ir-regolamenti 9 sa 43A għandhom japplikaw biss għall-provditur ta' servizz universali fir-rigward ta' dawk l-oġġetti postali li jikkonformaw mal-ogħla jew l-inqas d-dimensjonijiet kif speċifikati fl-artikolu 17(5) tal-Att.

Faċilitajiet għax-xiri ta' bolli.
Emendat:
A.L. 457 tal-2010.

9. Il-provditur jew kull provditur ta' servizz universali skont ma jista' jkun il-każ għandu jiżgura li, safejn dan ikun jista' jsir, ikun hemm disponibbli faċilità għax-xiri ta' bolli fil-viċinanzi ta' kull kaxxa tal-ittri.

Servizzi bażiċi minn ħanut postali.
Emendat:
A.L. 457 tal-2010.

10. Salv kif l-Awtorità tista' xort'oħra tordna, is-servizzi bażiċi minn ħanut postali li għandhom jingħataw mill-provditur jew kull provditur ta' servizz universali skont ma jista' jkun il-każ f'Malta għandhom jinkludu:

(*a*) il-bejgħ ta' bolli u kartolerija postali;

(*b*) l-impustar u l-ġbir ta' posta bil-kwantità;

(*ċ*) l-impustar u l-ġbir ta' oġġetti postali inklużi pakki;

(*d*) ir-reġistrazzjoni u l-assigurazzjoni ta' oġġetti postali; u

(*e*) kull servizz ieħor li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien b'ordni teħtieġ lill-provditur ta' servizz universali li jipprovdi:

Iżda qabel tagħmel dan, l-Awtorità għandha l-ewwel tikkonsulta lill-provditur jew kull provditur ta' servizz universali skont ma jista' jkun il-każ.

Kwantitajiet ta' ħażna.
Emendat:
A.L. 457 tal-2010.

11. Il-provditur jew kull provditur ta' servizz universali skont ma jista' jkun il-każ għandu jiżgura li jkun hemm ħażniet suffiċjenti ta' bolli u kartolerija postali fi kwantitajiet tali li jkunu jissodisfaw raġonevolment il-ħtiġiet tal-lokalità:

Iżda l-Awtorità tista', b'mod partikolari biex tiżgura li jkun hemm bolli u kartolerija postali f'xi lokalità partikolari, toħroġ dawk id-direttivi li hi tista' tqis adatti bex tiżgura li l-provditur jew kull provditur ta' servizz universali skont ma jista' jkun il-każ jaqdi l-obbligi kollha tiegħu taħt dan ir-regolament.

Ftuħ ta' uffiċċji tal-posta.
Emendat:
A.L. 457 tal-2010.

12. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 11, l-Awtorità tista' b'direttiva teħtieġ lil provditur jew kull provditur ta' servizz universali skont ma jista' jkun il-każ li jiftaħ uffiċċji tal-posta f'dawk il-postijiet u minn dawk id-dati skont ma tista' tistabblixxi sabiex tiżgura servizz bażiku minn ħanut postali f'Malta kollha.

Tmexxija ta' uffiċċji tal-posta.
Emendat:
A.L. 457 tal-2010.

13. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Att, il-provditur jew kull provditur ta' servizz universali skont ma jista' jkun il-każ għandu jistabbilixxi l-mod kif kull uffiċċju tal-posta li jaqa' taħtu għandu jkun immexxi.

Kunsinna.
Emendat:
A.L. 457 tal-2010.

14. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 35B tal-Att, il-provditur jew kull provditur ta' servizz universali skont ma jista' jkun il-każ għandu jikkunsinna oġġett postali inkluż

pakk fl-indirizz indikat fuq dak l-oġġett postali.

Kodiċijiet postali. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

15. (1) L-oġġetti postali indirizzati lokalment kollha jistgħu jinkludu kodiċi postali li jkun jidher miktub minnufih wara l-belt jew ir-raħal li jkun hemm l-indirizz:

Iżda oġġetti postali indirizzati lokalment li ma jinkludux kodiċi postali xorta għandhom ikunu kunsinnati.

(2) Il-provditur jew kull provditur ta' servizz universali skont ma jista' jkun il-każ għandu jipprovdi lill-Awtorità listi aġġornati ta' kodiċijiet postali u għandu jippubblikahom b'mod li jiżgura pubbliċità raġonevoli inkluż, iżda mhux limitat għat-twaħħil fuq it-tabelli tal-avviżi ta' kull wieħed mill-uffiċċji tal-posta li jaqgħu taħtu.

Kunsinna *express*. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

16. Meta oġġett postali dieħel f'Malta jkollu fuqu tikketta ta' kunsinna *express* jew ikun immarkat b'mod prominenti bil-kliem "*Express Delivery*" jew bi kliem simili biex jindika l-intenzjoni ta' min jibgħat li l-oġġett postali jiġi mibgħut b'kunsinna *express*, il-provditur jew kull provditur ta' servizz universali skont ma jista' jkun il-każ għandu jibgħat l-oġġett postali kemm jista' jkun malajr u f'kull każ mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol minn meta jkun wasal Malta.

Oġġetti postali indirizzati lil persuna mejta. *Sostitwit: A.L. 457 tal-2010.*

17. Meta operatur postali jkun sodisfatt li oġġett postali jkun indirizzat lil persuna mejta, dan jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jew:

(*a*) minnufih jikkunsinna jew jikkunsinna f'indirizz ieħor dak l-oġġett postali wara li ssirlu talba leġittima bil-miktub -

(i) mill-eżekuturi msemmija fit-testment tal-indirizzat, jew

(ii) il-konjuġi ħaj tal-indirizzat, jew

(iii) l-eredi tal-indirizzat, jew

(iv) l-amministratur tal-beni tal-indirizzat jew kull persuna oħra li tkun qegħda tmexxi l-affarijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dawk il-beni, jew

(v) kull persuna oħra li jkollha interess; jew

(*b*) iżomm għandu dak l-oġġett postali għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur mid-data meta ssir talba bil-miktub minn xi persuna li jkollha jedd bil-liġi, sakemm dik il-persuna tkun tista' ġġib kull prova li tista' tinħtieġ biex turi li jkollha interess leġittimu li titlob il-kunsinna jew il-kunsinna f'indirizz ieħor tal-oġġett postali involut:

Iżda jekk kif hemm fil-paragrafu (*b*) ma tasal ebda talba bil-miktub jew jekk il-prova meħtieġa ma tinġiebx fiż-żmien hawn qabel imsemmi ta' tliet xhur, l-oġġett postali għandu jiġi trattat bħala li ma jistax jiġi kunsinnat u għandu jsir minnu kif provdut f'dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll fil-każ ta' oġġetti postali reġistrati, dawk l-oġġetti postali m'għandhomx jinżammu kif hemm fil-paragrafu (*b*) u għandhom jiġu trattati bħal li ma jistgħux jiġu kunsinnati u jsir minnhom kif provdut f'dawn ir-regolamenti.

Oġġetti postali li jkun hemm kwistjoni fuqhom. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

18. Meta membru ta' ditta jew ta' soċjetà jew ta' ditta jew soċjetà xolta, jew persuna li tgħid li għandha il-jedd li tirċievi l-posta ta' ditta jew soċjetà jew ta' ditta jew soċjetà xolta, jew ta' xi soċjetà oħra, assoċjazzjoni, istituzzjoni jew korp ieħor, jissodisfa lil xi provditur ta' servizz universali hekk appuntat li għandu tassew raġunijiet tajba għal dik il-pretensjoni li javża lil dak il-provditur ta' servizz universali biex ma jikkunsinna lil ħadd ieħor ħlief xi oġġett postali indirizzat lid-ditta jew lis-soċjetà, jew lis-soċjetà l-oħra, assoċjazzjoni, istituzzjoni jew korp ieħor, il-provditur ta' servizz universali kemm-il darba ma jkunx sodisfatt dwar min ikun intitolat għall-kunsinna, jista' jirrifjuta li jikkunsinna dawk l-oġġetti postali kollha sakemm jintlaħaq ftehim bejn il-persuni li jkollhom interess fil-kunsinna, jew sakemm jiġi deċiż minn awtorità kompetenti l-jedd ta' xi wieħed jew l-ieħor mill-partijiet konċernati biex jirċievu dawk l-oġġetti postali:

Iżda fin-nuqqas ta' ftehim ta' dik ix-xorta jew fl-assenza ta' deċiżjoni bħal dik, l-oġġett postali għandhom jiġu markati "Dubbjuż" u jintbagħtu lura lil min ikun bagħthom fi żmien raġonevoli.

Oġġetti postali mhux kunsinnati.

19. Oġġett postali -

(*a*) li għal raġuni valida ma jkunx jista' jiġi kkunsinnat lill-indirizzat, jew

(*b*) li jkun ġie rifjutat mill-indirizzat, jew

(*ċ*) li kien ikkunsinnat kif imiss iżda li jerġa' jintbagħat lura mhux miftuħ lill-provditur ta' servizz universali b'indikazzjoni li l-indirizzat ikun irrifjuta l-kunsinna, jew

(*d*) li ma jistax ikun kunsinnat minħabba f'xi dispożizzjoni tal-Att jew ta' dawn ir-regolamenti,

għandu jitqies bħala oġġett postali li ma jistax jiġi kunsinnat u għandu jsir minnu skont ma hemm provdut f'dawn ir-regolamenti.

Kunsinna ta' pakki. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

20. (1) Minkejja r-regolament 19(*a*), meta pakk ma jistax għal raġuni valida jiġi kunsinnat lill-indirizzat, dan ma għandux ikun meqjus bħala oġġett postali li ma jistax ikun ikkunsinnat u l-provditur ta' servizz universali involut għandu jgħarraf bil-miktub lill-indirizzat li huwa jista', skont kif jagħżel, jew:

(*a*) jitlob il-provditur ta' servizz universali involut biex jagħmel arranġamenti għal kunsinna oħra bla ħsara għall-pagament ta' ħlas raġonevoli lil dak il-provditur ta' servizz universali:

Iżda meta jkun qed jagħmel hekk dak il-provditur ta' servizz universali għandu jagħmel mill-aħjar sabiex jiftiehem mal-indirizzat dwar ħin ta' kunsinna li jkun konvenjenti għat-tnejn;

(*b*) jiġbor il-pakk mill-uffiċċju postali indikat mill-provditur ta' servizz universali involut:

Iżda meta jkun qiegħed jindika uffiċċju postali dak il-provditur ta' servizz universali għandu jagħmel mill-aħjar sabiex jindika dak l-uffiċċju postali li jkun l-

aktar raġonevolment konvenjenti minn fejn ikun jista' jinġabar il-pakk mill-indirizzat.

(2) Jekk il-pakk ma jiġix kunsinnat jew miġbur mod ieħor mill-indirizzat fi żmien tletin ġurnata tax-xogħol mid-data tal-impustar tal-ewwel avviż imsemmi fis-subregolament (1), l-indirizzat għandu jiġi notifikat mill-ġdid permezz ta' posta reġistrata dwar l-għażliet imsemmija taħt is-subregolament (1):

Iżda jekk minkejja notifikazzjoni bħal dik bil-posta reġistrata, l-indirizzat jonqos milli jirtira l-pakk imsemmi fi żmien sittin ġurnata tax-xogħol mid-data tal-impustar tal-ewwel avviż imsemmi fis-subregolament (1), il-pakk għandu jkun ittrattat bħala oġġett postali li ma jistax jiġi kunsinnat u għandu jsir minnu b'dan il-mod skont dawn ir-regolamenti.

Tneħħija ta' oġġetti postali għal kunsinna f'Malta li ma jistgħux jiġu kunsinnati. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

21. (1) Dan ir-regolament japplika għal oġġetti postali impustati f'Malta biex ikunu kunsinnati f'xi post f'Malta.

(2) Oġġett postali li ma jistax jiġi kunsinnat u li jkun iġib fuqu indirizz ta' ritorn li jista' jinqara' fuq in-naħa ta' barra għandu jintbagħat lura mhux miftuħ u kontrasenjat kif imiss lejn dak l-indirizz.

(3) Oġġett postali li ma jistax jiġi kunsinnat u li ma jkunx jġib fuqu indirizz ta' ritorn li jista' jinqara' fuq in-naħa ta' barra, għandu jinfetaħ mill-provditur ta' servizz universali involut u jekk l-indirizz tal-mittent ikun jista' jiġi aċċertat, dan għandu imbagħad jintbagħat lura lill-mittent taħt forma uffiċjali:

Iżda jekk dak l-oġġett postali jinstab li jkun fih karti tal-flus, muniti jew oġġetti ta' valur oħra, dan ikollu ta' bilfors jiġi rreġistrat bi spejjeż tal-mittent qabel ma jintbagħat lura, u jekk il-mittent jirrifjuta li jħallas id-drittijiet postali li jkollhom jitħallsu fuq dak l-oġġett postali, il-provditur ta' servizz universali għandu jiddisponi minn dak l-oġġett kif jidhirlu li jkun adatt, mingħajr preġudizzju għal-jedd li jkollu li jitlob mingħand il-mittent dawk id-drittijiet postali:

Iżda wkoll jekk, minkejja l-ftuħ tal-oġġett postali, il-provditur ta' servizz universali ma jkunx jista' jistabbilixxi l-indirizz tal-mittent u l-provditur ta' servizz universali jqis li dak l-oġġett postali jkun fih oġġetti ta' valur jew importanza, allura huwa għandu jirreġistra dawk l-oġġetti f'reġistru li jinżamm għal daqstant u għandu, jekk dawn l-oġġetti ma jiġux irtirati, iżomm dawk l-oġġetti għal perjodu ta' mhux aktar minn sena li jibda għaddej mill-ġurnata li fiha l-oġġett postali jkun ġie hekk reġistrat, u wara dik id-darba il-provditur ta' servizz universali jista' jagħmel minn dawk l-oġġetti b'dak il-mod li jidhirlu l-aktar adatt.

Tneħħija ta' oġġetti postali dieħlin f'Malta u ħerġin barra minn Malta li ma jisgħux jiġu kunsinnati. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

22. (1) Dan ir-regolament japplika għal oġġetti postali dieħlin f'Malta u ħerġin barra minn Malta.

(2) Oġġett postali li jkun dieħel f'Malta li ma jistax jiġi kunsinnat għandu jintbagħat lura lill-pajjiż tal-oriġini, hekk li raġuni għaliex ma tkunx saret il-kunsinna għandha tiġi indikata b'mod ċar fuq dak l-oġġett postali:

Iżda kartolini postali mhux reġistrati illi ma jkunx fihom

partikolaritajiet tal-mittent għandu jsir minnhom b'dak il-mod li l-provditur ta' servizz universali involut jista', fiċ-ċirkostanzi, iqis adatti:

Iżda wkoll oġġett postali mhux reġistrat li jkun jikkonsisti f'posta diretta għandu jsir minnhom b'dak il-mod li dak il-provditur ta' servizz universali jista' jqis adatt, kemm-il darba min jibgħat ma jkunx talab, permezz ta' nota miktuba fuq in-naħa ta' barra ta' dan l-oġġett, li dan jintbagħat lura fil-każ li ma jiġix kunsinnat.

(3) Oġġett postali impustat f'Malta biex jiġi kunsinnat f'post barra minn Malta u li jintbagħat lura Malta bħala li ma jistax jiġi kkunsinnat għandu jkun ittrattat kif ġej:

(*a*) oġġett postali li ma jistax jiġi kunsinnat u li jġib fuqu indirizz ta' ritorn li jista' jinqara fuq in-naħa ta' barra, dan għandu jintbagħat lura mhux miftuħ f'dak l-indirizz kontrasenjat b'mod adatt;

(*b*) oġġett postali li ma jistax jiġi kunsinnat u li ma jġibx fuqu indirizz ta' ritorn li jista' jinqara fuq in-naħa ta' barra, għandu jinfetaħ mill-provditur ta' servizz universali involut u jekk l-indirizz tal-mittent jista' jkun aċċertat, dan għandu jintbagħat lura lill-mittent taħt forma uffiċjali:

Iżda jekk dak l-oġġett postali jkun jinsab li fih karti tal-flus, muniti jew xi oġġetti ta' valur oħra, dan għandu ta' bilfors jiġi reġistrat bi spejjeż tal-mittent qabel ma jintbagħat lura, u jekk il-mittent jirrifjuta li jħallas id-drittijiet tal-posta dovuti fuq dak l-oġġett postali, il-provditur ta' servizz universali involut għandu jagħmel minnu skont kif jidhirlu adatt mingħajr preġudizzju għall-jedd li jkollu li jitlob mingħand il-mittent dawk id-drittijiet postali:

Iżda wkoll jekk, minkejja l-ftuħ tal-oġġett postali, il-provditur ta' servizz universali involut ma jkunx jista' jistabbilixxi l-indirizz tal-mittent u l-provditur ta' servizz universali involut jqis li dak l-oġġett postali fih oġġetti ta' valur jew importanza, allura huwa għandu jirreġistra dawk l-oġġetti f'reġistru li jinżamm għal daqstant u għandu, kemm-il darba ma ssirx talba dwarhom, iżomm dawk l-oġġetti għal perjodu ta' mhux aktar minn sena mill-ġurnata li fiha l-oġġett postali jkun ġie hekk reġistrat u wara dak il-perjodu l-provditur ta' servizz universali involut jista' jagħmel minn dawk l-oġġetti b'dak il-mod li jista' jidhirlu l-aktar adatt.

Is-servizzi postali li għandhom jiġu provduti mill-provditur ta' servizz universali. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

23. Is-servizzi postali li jkunu meħtieġa li jiġu provduti mill-provditur jew kull provditur ta' servizz universali hekk appuntat għandhom jinkludu dawn kollha jew x'uħud minn dawn li ġejjin:

(*a*) l-irtirar tal-oġġett postali qabel il-kunsinna lill-indirizzat,

(*b*) *Poste Restante*,

(*ċ*) kunsinna f'indirizz ieħor,

(*d*) ċertifikat ta' impustar,

(*e*) ċertifikat ta' telf jew ħsara,

(*f*) servizz ta' risposta kummerċjali,

(*g*) reġistrazzjoni ta' oġġetti postali,

(*h*) kaxxi privati ta' kunsinna, u

(*i*) kull servizz ieħor li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tagħti direttiva lill-provditur ta' servizz universali biex jipprovdi:

Iżda qabel tagħmel dan l-Awtorità għandha l-ewwel tikkonsulta lill-provditur ta' servizz universali.

Setgħa tal-Awtorità li tirregola s-servizzi postali. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

24. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti, il-provditur jew kull provditur ta' servizz universali hekk appuntat għandu jipprovdi s-servizzi postali msemmija fir-regolament 23 u kull servizz postali ieħor li jista' jipprovdi, f'tali ħinijiet ta' xogħol, f'tali uffiċċji tal-posta, u taħt tali kondizzjonijiet hekk kif l-Awtorità tista' b'direttiva minn żmien għal żmien raġonevolment teżiġi fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha skont il-liġi:

Iżda qabel tagħmel dan l-Awtorità għandha l-ewwel tikkonsulta lill-provditur ta' servizz universali u lil dawk kollha oħrajn interessati li l-Awtorità jidhrilha li għandhom jiġu konsultati.

Standards ta' kwalità ta' servizz dwar is-servizz universali. *Miżjud: A.L. 457 tal-2010.*

24A. (1) Għandhom jiġu stabbiliti u pubblikati minn żmien għal żmien mill-Awtorità *standards* ta' kwalità ta' servizz dwar is-servizz universali, b'attenzjoni partikolari għaż-żmien ta' rotta u r-regolarità u l-affidabilità tas-servizzi, wara li jkunu tqiesu dawk il-veduti ta' partijiet interessati skont ma tista' tqis li jkunu meħtieġa.

(2) L-Awtorità tista' tistabbilixxi *standards* ta' kwalità dwar posta transkonfini:

Iżda dwar posta transkonfini intra-Komunitarja, tali *standards* għandhom jiġu stabbiliti l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Parlament u mill-Kunsill Ewropew.

(3) Il-konformità ma' *standards* ta' kwalità ta' servizz mill-provditur ta' servizz universali għandha tiġi sorveljata mill-Awtorità li għandha minn żmien għal żmien tagħmel rapport fuq ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' sorveljanza.

(4) L-Awtorità tista', meta tkun qegħda tistabbilixxi *standards* ta' kwalità ta' servizz taħt dan ir-regolament, tadotta dawk il-miżuri li hija tqis li jkunu adatti dwar nuqqas ta' konformità ma' tali *standards* mill-provditur ta' servizz universali. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-ħtieġa li l-provditur ta' servizz universali jħallas dawk il-multi amministrattivi li l-Awtorità tista' tistabbilixxi kif hemm fis-setgħat mogħtijin lilha bil-liġi.

Informazzjoni fuq is-servizz universali. *Miżjud: A.L. 457 tal-2010.*

24B. (1) Provditur ta' servizz universali għandu jipprovdi lill-utenti u lill-operaturi postali informazzjoni regolari, dettaljata u aġġornata fuq il-karatteristiċi partikolari tas-servizz universali offrut, b'riferenza speċjali għall-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-servizz, kif ukoll għall-prezzijiet u l-livell ta' *standards* ta' kwalità.

(2) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha

tiġi pubblikata mill-inqas darba fis-sena mill-provditur ta' servizz universali b'mod sodisfaċenti għall-Awtorità.

Irtirar mill-posta mill-mittent. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

25. (1) Dan ir-regolament japplika għal oġġetti postali impustati f'Malta biex jigu kunsinnati f'xi post f'Malta.

(2) Meta mittent japplika għall-irtirar ta' oġġett postali qabel ma dan jiġi kunsinnat lill-indirizzat, il-provditur ta' servizz universali involut għandu, jekk iqis li r-raġunijiet għall-irtirar ikunu sodisfaċenti, jagħti d-direttiva kif ikun meħtieġ.

(3) Kull dritt postali li jitħallas għall-irtirar ta' oġġett postali ma għandux jintradd lura lill-applikant jekk l-oġġett postali ma jinstabx jew jekk wara dan ma jiġix irtirat minn dak l-applikant.

(4) Il-pustaġġ u l-ħlas ta' reġistrazzjoni, jekk ikun il-każ li jitħallas fuq oġġett postali li jiġi irtirat skont dan ir-regolament, ma għandux għalfejn jintradd lura:

Iżda jekk il-bolli mwaħħlin ma' tali oġġett postali ma jkunux ġew ikkanċellati b'timbru uffiċjali fil-ħin li dan jinsab, l-oġġett postali għandu jintradd lura bil-bolli mhux kanċellati.

Irtirar minn posta dieħla f'Malta u ħierġa barra minn Malta.

26. (1) Dan ir-regolament japplika għal oġġetti postali dieħlin f'Malta u ħierġin barra minn Malta.

(2) Il-mittent ta' oġġett postali ħiereġ minn Malta jista' jirtira dak l-oġġett postali mill-posta jew ikollu l-indirizz tiegħu mibdul sakemm l-oġġett postali ma jkunx għadu ġie kunsinnat lill-indirizzat, jew ma jkunx ġie konfiskat jew meqrud mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi li minnhom l-oġġett postali ikun għadda jew tal-pajjiż destinatarju.

(3) Id-drittijiet u l-ispejjeż ma għandhomx jintraddu lura lill-mittent jekk l-oġġett postali ma jinstabx jew jekk l-oġġett postali ma jiġix wara irtirat.

(4) Il-pustaġġ u l-ħlas ta' reġistrazzjoni mħallsin fuq oġġett postali ħiereġ minn Malta u li jiġi rtirat ma għandux jintradd lura:

Iżda jekk il-bolli mwaħħlin ma' tali oġġett postali ma jkunux ġew ikkanċellati b'timbru uffiċjali fil-ħin li dan jinsab, l-oġġett postali għandu jintradd lura lill-mittent bil-bolli mhux kanċellati.

Poste Restante. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

27. (1) Dawn li ġejjin għandu jkollhom id-dritt li jużaw servizz *Poste Restante* li għandu jkun provdut mill-provditur ta' servizz universali:

(*a*) vjaġġaturi, turisti u barranin li ma jkollhomx post fiss ta' abitazzjoni;

(*b*) persuni li jgħixu f'post li ma jkunx aċċessibbli għall-kunsinna bil-pustier; u

(*ċ*) persuni li fl-opinjoni tal-provditur ta' servizz universali hekk appuntat ma jkunux jistgħu għal raġuni tajba u sodisfaċenti jirċievu b'mod konvenjenti l-korrispondenza tagħhom bil-pustier jew permezz ta' kaxxa ta' kunsinna privata.

(2) Il-provditur ta' servizz universali għandu jitlob lil min imur

għal *Poste Restante* biex jagħti prova tal-identità tiegħu u biex jipprovdi dawk il-partikolaritajiet l-oħra kollha li jistgħu jkunu raġonevolment mitluba biex jidentifikawh bħala l-indirizzat leġittimu tal-oġġett postali.

Kunsinna f'indirizz ieħor. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

28. (1) Kull oġġett postali, minbarra oġġett ta' risposta kummerċjali, jista' jiġi kunsinnat f'indirizz ieħor mill-indirizz oriġinali tiegħu f'Malta lill-istess indirizzat f'kull indirizz ieħor jew minn uffiċjal tal-provditur ta' servizz universali involut jew wara l-kunsinna fl-indirizz oriġinali.

(2) Applikazzjoni għal kunsinna f'indirizz ieħor lill-provditur ta' servizz universali involut għandha tkun iffirmata -

(*a*) mill-persuna jew persuni li l-oġġetti postali deħlin f'Malta jkunu indirizzati lilhom; jew

(*b*) mill-persuna li jkollha r-rappreżentanza legali tal-kumpannija, ditta jew korp inkorporat jew mhux inkorporat fir-rigward ta' oġġetti postali dieħlin f'Malta indirizzati lil dik il-kumpanija, ditta jew korp; jew

(*ċ*) mill-persuna li jkollha awtorità ta' ġenitur fuq, jew kustodja legali ta' tfal minorenni fir-rigward ta' oġġetti postali dieħlin f'Malta indirizzati lil dawk it-tfal minorenni; jew

(*d*) minn persuna debitament awtorizzata minn persuna oħra fir-rigward ta' oġġetti postali deħlin f'Malta indirizzati lil dik il-persuna l-oħra.

(3) Oġġett postali li jiġi kunsinnat f'indirizz ieħor fil-ġurnata tax-xogħol tal-kunsinna tiegħu, jew fil-ġurnata tax-xogħol li taħbat minnufih wara, għall-indirizz oriġinali tiegħu jintbagħat bil-posta bla ebda ħlas jew pustaġġ fir-rigward ta' dik il-kunsinna jekk jew jekk dan jingħata bl-idejn lil uffiċjal tal-provditur ta' servizz universali involut, jew jekk dan jintefa' fil-kaxxa tal-ittri ta' dak il-provditur ta' servizz universali b'indikazzjoni tal-indirizz il-ġdid:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament ma għandhomx japplikaw jekk qabel il-kunsinna f'indirizz ieħor l-oġġett postali jkun infetaħ jew tbagħbas (għajr bis-sostituzzjoni ta' indirizz ġdid) jew jekk l-isem jew l-indirizz tal-indirizzat oriġinali ikun sar illeġibbli:

Iżda wkoll jekk l-oġġett postali jkun kunsinnat f'indirizz ieħor għal post barra minn Malta u l-ammont ta' pustaġġ imħallas ma jkunux biżżejjed biex ikopri l-kunsinna għad-destinazzjoni l-ġdida, dan għandu jiġi intaxxat u ttrattat bħala oġġett postali mhux imħallas minn qabel kif imiss.

Ċertifikat ta' impustar. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

29. Il-provditur ta' servizz universali hekk appuntat għandu joħroġ ċertifikat ta' impustar li jindika li oġġett postali mhux reġistrat kien impustat lejn indirizz partikolari meta mitlub jagħmel dan mill-persuna li tkun qed timposta l-oġġett.

Ċertifikat ta' ħsara, eċċ. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

30. Il-provditur ta' servizz universali hekk appuntat għandu, jekk mitlub minn xi persuna li jkollha interess, joħroġ ċertifikat li bih jiġi stabbilit li l-oġġett postali tkun saritlu ħsara, ikun intilef

jew inqered waqt li dan kien fil-kustodja tiegħu.

Servizz ta' risposta kummerċjali. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

31. Il-provditur ta' servizz universali hekk appuntat għandu jipprovdi servizz ta' risposta kummerċjali li permezz tiegħu l-ħlas pagabbli fuq oġġetti postali jsir minn persuna li ma tkunx il-mittent ta' dawk l-oġġetti postali.

Reġistrazzjoni. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

32. Il-provditur ta' servizz universali hekk appuntat għandu jipprovdi servizz ta' reġistrazzjoni li bih jista' jkun reġistrat kull oġġett postali.

Riċevuta għal oġġetti postali reġistrati. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

33. Mal-kunsinna ta' oġġett postali reġistrat, l-indirizzat, ir-rappreżentant tiegħu, jew membru tal-familja tiegħu għandu, sakemm ma jingħatawx istruzzjonijiet kuntrarji lill-provditur ta' servizz universali involut mill-indirizzat, jagħti riċevuta tiegħu bil-miktub lill-provditur ta' servizz universali:

Iżda meta dik ir-riċevuta ma tingħatax, l-oġġett postali għandu jitqies li ma jkunx ġie kunsinnat:

Iżda ukoll dan ir-regolament hu bla preġudizzju għal kull liġi oħra li tirregola l-għoti ta' riċevuti għal oġġetti postali reġistrati.

Avviż ta' kunsinna. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

34. Il-mittent ta' oġġett postali reġistrat jista' fil-waqt tal-impustar jagħmel arranġamenti biex l-avviż tal-kunsinna tiegħu jintbagħat lilu:

Iżda ebda dritt għal rikjesta ma jista' jintalab mill-provditur ta' servizz universali involut jekk ir-rikjesta dwar it-tneħħija ta' dak l-oġġett postali ssir fi żmien tnax-il xahar mid-data tal-impustar.

Kunsinna f'indirizz ieħor ta' oġġetti postali reġistrati. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

35. Meta oġġett postali reġistrat ikun ġie kunsinnat u riċevuta tkun ġiet mogħtija skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 33, dak l-oġġett ma għandux ikun kunsinnat f'indirizz ieħor kif provdut fir-regolament 28(3):

Iżda l-provditur ta' servizz universali hekk appuntat jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jikkunsinna f'indirizz ieħor dak l-oġġett postali reġistrat jekk dan jingħata bl-idejn lil xi uffiċjal ta' dak il-provditur ta' servizz universali mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol li taħbat minnufih wara dik meta l-oġġett ikun ġie kunsinnat.

Impustar mhux floku. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

36. Jekk xi oġġett postali reġistrat, wara li jkun ġie kunsinnat, jintefa' f'kaxxa tal-ittra tal-provditur ta' servizz universali hekk appuntat biex jiġi kunsinnat f'indirizz ieħor, dak l-oġġett jista' jkun soġġett għal ħlas addizzjonali ta' rata ta' pustaġġ waħda u għal dritt ta' reġistrazzjoni gdid.

Reġistrazzjoni obbligatorja. *Emendat: A.L. 423 tal-2007.*

37. (1) Jekk xi oġġett postali li jkollu miktub jew impress fuqu jew fuq l-*envelope* jew il-kopertura tiegħu l-kelma "reġistrat", jew xi kelma, frażi jew marka oħra li jagħtu l-impressjoni li l-oġġett postali ikun reġistrat jew li jkun hemm il-ħsieb li jiġi reġistrat, jinsab fil-posta jew jitħalla f'uffiċċju tal-posta, dan għandu imbagħad jiġi reġistrat.

(2) Oġġett postali għandu jkun reġistrat jekk dan ikun fih xi wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(*a*) xi *money order* jew *postal order* mhux maqtugħin li fuqhom ma jkunx tniżżel isem lil min jista' jitħallas, jew

(*b*) xi ċekk jew *dividend warrant* li ma jkunux maqtugħin u li jitħallsu lill-portatur, jew

(*ċ*) xi titolu ta' *bearer,* jew

(*d*) xi karta bankarja jew ta' flus, jew munita li tkun ta' valuta legali f'Malta jew band'oħra, jew

(*e*) xi bolli mhux imħassra ta' valur totali ta' ħdax-il euro u sittin ċenteżmu (11.60) jew aktar, jew

(*f*) xi karti tal-flus kif imsemmija fil-paragrafi (*d*), (*e*) u (*f*) fit-tifsira ta' "karti tal-flus" fir-regolament 2, jew

(*g*) platinu, deheb jew fidda, kemm maħduma, ħaġar prezzjuż u oġġetti oħra ta' valur.

Surcharge.
Emendat:
A.L. 457 tal-2010.

38. (1) Kull oġġett postali li hu soġġett għal reġistrazzjoni obbligatorja jista' jkollu jħallas dritt ta' reġistrazzjoni u għal ammont li ma jaqbiżx id-doppju tal-pustaġġ nieqes, jekk ikun hemm, u għandu jintbagħat lill-indirizzat jew inkella jintbagħat lura lill-mittent, skont il-każ:

Iżda kull ammont ta' pustaġġ li jista' jkun tħallas minn qabel fir-rigward ta' xi oġġett postali li jaqbeż il-pustaġġ ordinarju, għandu jitiqies bħala pagament jew parti minn pagament tal-ħlas ta' reġistrazzjoni.

(2) Meta oġġett postali li jkollu dan is-*surcharge* skont is-subregolament (1) jingħata lill-indirizzat jew lill-mittent u dawn jirrifjutaw jew jonqsu milli jħallsu d-drittijiet li jkollhom jitħallsu għal dak l-oġġett postali, il-provditur ta' servizz universali hekk appuntat jista' jagħmel minnu minn dak l-oġġett postali jew ineħħih b'dak il-mod li jista' jidhirlu l-iktar adatt.

Applikazzjoni għal kaxxa għal kunsinna privata.
Sostitwit:
A.L. 457 tal-2010.

39. Kull persuna li tkun għalqet l-età ta' tmintax-il sena għandu jkollha jedd li tikri kaxxa għal kunsinna privata mingħand il-provditur ta' servizz universali hekk appuntat fl-applikazzjoni tagħha:

Iżda dak il-provditur ta' servizz universali jista' jirrifjuta li jikri dik il-kaxxa għal kunsinna privata meta tinħoloq problema raġonevoli ta' nuqqas ta' spazju u wara li jimmotiva r-rifjut tiegħu.

Ħwienet għal kaxxi għal kunsinna privata.
Emendat:
A.L. 457 tal-2010.

40. Il-provditur ta' servizz universali hekk appuntat għandu jagħti b'xejn, ċavetta waħda lid-detentur tal-kaxxa. Qabel jagħti ċ-ċavetta, il-provditur ta' servizz universali jista' jitlob lil detentur ta' kaxxa li huwa jiddepożita somma raġonevoli liema somma għandha tintradd lura lid-detentur tal-kaxxa meta tintemm il-kirja u wara li huwa jrodd lura iċ-ċavetta u jħallas kull kera pendenti.

Kunsinna ta' oġġett postali.

41. Oġġett postali għandu jitqies li jkun ġie kunsinnat lid-detentur tal-kaxxa malli dan jitqiegħed fil-kaxxa għal kunsinna privata tiegħu.

Informazzjoni li għandha tingħata. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

42. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull obbligu ieħor taħt l-Att jew taħt xi liġi oħra, jew taħt xi direttiva jew taħt xi awtorizzazzjoni, kull provditur ta' servizz universali għandu, mill-inqas darba f'kull sena kalendarja, jagħti lill-Awtorità din l-informazzjoni li ġejja:

(*a*) il-lokazzjoni tal-postijiet ta' dħul kollha, inklużi kull wieħed mill-uffiċċji tal-posta u kaxxi tal-ittri tiegħu,

(*b*) il-ħinijiet tal-ftuħ u l-għeluq ta' kull wieħed mill-uffiċċji tal-posta tiegħu u l-ħinijiet tal-ġbir u tal-kunsinna,

(*ċ*) pjan ta' kontinġenza li jipprovdi għall-miżuri li għandhom jittieħdu mill-provditur ta' servizz universali biex jiżgura, safejn ikun prattikabbli, il-provvista ta' servizz postali universali fil-każ ta' azzjoni industrijali, emerġenza jew diżastru naturali, u

(*d*) dwar l-arranġamenti stabbiliti jew li jkollu l-ħsieb li jistabbilixxi biex jiżgura li l-uffiċċji tal-posta tiegħu, inklużi l-kaxxi tal-ittri, ikunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilitajiet.

(2) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tiġi ppreżentata lill-Awtorità bil-għan li jiġi żgurat li din tingħata l-pubbliċità raġonevoli kollha.

Skemi dwar termini u kondizzjonijiet. *Emendat: A.L. 28 tal-2009; A.L. 457 tal-2010.*

43. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull obbligu ieħor taħt l-Att, xi liġi oħra, direttiva jew awtorizzazzjoni, kull provditur ta' servizz universali jista' jagħmel skemi fir-rigward tas-servizzi postali provduti minnu:

B'dan iżda li l-Awtorità tista' b'direttiva:

(*a*) teħtieġ lill-provditur ta' servizz universali involut jagħmel dawk l-iskemi li l-Awtorità tista' tqis li jkunu meħtieġa. Meta tagħmel dan, l-Awtorità tista' wkoll tistabblixxi t-terminu ta' żmien sa meta dawn l-iskemi għandhom ikunu qegħdin joperaw, u

(*b*) teħtieġ lill-provditur ta' servizz universali involut li jemenda kull skema eżistenti li setgħet kienet adottata skont dan ir-regolament meta dik l-iskema tkun konfliġġenti mal-Att jew mal-kondizzjonijiet tal-liċenza jew tal-awtorizzjoni, jew ma kull deċiżjoni jew direttiva maħruġa mill-Awtorità:

Iżda wkoll l-Awtorità għandha, qabel ma teħtieġ lill-provditur ta' servizz universali involut biex jadotta jew jemenda skema, tikkonsulta mal-provditur ta' servizz universali involut u ma' oħrajn li jkunu involuti u li l-Awtorità tqis li għandhom interess.

(2) Skema magħmula skont dan ir-regolament hija skema biex tiddetermina xi ħaġa jew il-ħwejjeg kollha minn dawn li ġejjin:

(*a*) id-drittijiet li jkunu ser jiġu imposti fir-rigward tas-servizzi postali involuti,

(*b*) il-pattijiet u l-kondizzjonijiet l-oħra li jkunu

japplikawi għas-servizzi postali involuti, u

(*ċ*) il-proċeduri dwar l-ilmenti ta' persuni li jużaw is-servizzi postali involuti, inkluż il-kumpens li jista' jingħata għaldaqshekk.

(3) Skema jew emendi għal skema taħt dan ir-regolament għandhom jingħaddu lill-Awtorità li għandha tiżgura li l-provditur ta' servizz universali involut, bi spejjeż tiegħu, jagħti dik il-pubbliċità lill-iskema jew emendi li jsirulha skont ma l-Awtorità tista' tqis bħala li jkun adatt.

(4) Skema taħt dan ir-regolament tista' temenda kull skema oħra preċedenti magħmula taħt dan ir-regolament.

(5) Kull obbligu mittieħed minn provditur ta' servizz universali taħt xi skema magħmula skont dan ir-regolament għandhom jorbtu lill-provditur ta' servizz universali daqs li kieku dawk l-obbligi jagħmlu parti mill-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' kuntratt legali, u għaldaqshekk jistgħu jkunu infurzati kontra l-provditur ta' servizz universali.

Qsim ta' doveri dwar il-provdiment ta' servizzi universali. *Miżjud: A.L. 457 tal-2010.*

43A. (1) Meta l-Awtorità tistabbilixxi li l-obbligi ta' servizz universali jkunu jinvolvu kost nett kalkulat billi jitqies dak li hemm fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att, u jkunu ta' piż mhux ġust fuq il-provditur jew fuq kull provditur ta' servizz universali, hija tista' tagħmel rakkomandazzjoni lill-Ministru biex idaħħħal permezz ta' avviż fil-Gazzetta:

(*a*) mekkaniżmu li jkun jikkumpensa lill-operatur jew l-operaturi involuti minn fondi pubbliċi; jew

(*b*) mekkaniżmu għall-qsim tal-kost nett tal-obbligi tas-servizz universali bejn provdituri ta' servizzi u, jew utenti.

(2) Meta jinqasam il-kost nett kif hemm fis-subregolament (1)(*b*), il-Ministru, wara li jikkonsulta lill-Awtorità, jista' jistabbilixxi fond ta' kumpens li jista' jiġi finanzjat minn provdituri ta' servizz u, jew drittijiet ta' utenti, u li għal dan l-għan ikun amministrat mill-Awtorità.

(3) L-Awtorità għandha tiżgura li jiġu rispettati l-prinċipji ta' trasparenza, ebda diskriminazzjoni u proporzjonalità meta jkun qed jitwaqqaf il-fond ta' kumpens u meta jkun qed jiġi stabbilit il-livell ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fis-subregolament (1)(*b*):

Iżda d-deċiżjonijiet li jittieħdu għandhom ikunu msejsa fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli u għandhom ukoll jiġu pubblikati.

Provditur ta' servizz universali li jonqos milli jipprovdi servizz. *Miżjud: A.L. 408 tal-2012.*

43B. (1) Jekk provditur ta' servizz universali maħtur kif hemm fl-Att jieqaf f'xi waqt, għal żmien kontinwu ta' ġimgħa, milli jipprovdi xi servizz universali li huwa jkun ġie maħtur biex jipprovdi, għal kull raġuni minbarra:

(*a*) xi azzjoni industrijali jew xi forza maġġuri oħra; jew

(*b*) jekk il-provditur ta' servizz universali isirlu stralċ jew jiġi dikjarat fallut,

allura l-Gvern jista' jikkunsidra lill-provditur ta' servizz universali bħala li m'huwiex effettivament kapaċi jikkonforma ruħu ma' dak l-obbligu ta' servizz universali li jkun jtinkombi fuqu.

(2) Meta provditur ta' servizz universali jtemm jipprovdi servizz universali fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subregolament (1), il-Gvern jista', sabiex jiżgura t-tkomplija ta' dak is-servizz, jieħu f'idejh dik il-parti tal-operazzjoni tas-servizzi postali li jkollhom x'jaqsmu mal-provdiment tal-obbligu ta' servizz universali li l-provditur ta' servizz universali jkun temm jipprovdi, mingħajr ebda obbligu li jħallas xi kumpens lill-provditur ta' servizz universali:

Iżda meta jkun qed jagħmel dan il-Gvern, meta jkun meħtieġ, jista' mingħajr ebda dewmien żejjed jagħmel mill-aħjar biex isib operatur alternattiv biex jipprovdi dak is-servizz universali kif hemm fl-Att:

Iżda wkoll il-Gvern jew kull persuna awtorizzata mill-Gvern għaldaqstant, ikunu jistgħu jużaw l-attiv tal-provditur ta' servizz universali bla ħsara għall-ħlas ta' dak il-kumpens għal dak l-użu hekk kif jista' jiġi miftiehem bejn il-partijiet, jew jekk ma jintlaħaqx ftehim, hekk kif jista' jiġi stabbilit mill-Qrati ta' Malta kompetenti jew, meta l-partijiet kollha jkunu hekk jaqblu, b'arbitraġġ kif isir taħt il-Liġi ta' Malta, u jirkupraw kull nefqa raġonevoli li ssir biex jiġi provdut dak is-servizz universali mingħand il-provditur ta' servizz universali li jonqos.

Taqsima IV

Awtorizzazzjonijiet

Awtorizzazzjoni għal servizzi postali u eżenzjonijiet.

44. (1) Skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(3) tal-Att, l-attivitajiet li ġejjin huma eżenti mir-rekwiżiti ta' l-artikolu 7(1) tal-Att:

(*a*) il-ġarr u l-kunsinna ta' oġġett postali personalment mill-mittent jew persuna awtorizzata biex tikkunsinnah f'isem il-mittent, iżda ebda ħlas jew premju, profit jew vantaġġ ta' xi xorta ma għandu jiġi mogħti jew ikun riċevut għall-ġarr jew għall-kunsinna ta' dawk l-oġġetti postali;

(b) il-ġarr u l-kunsinna minn kull persuna ta' oġġetti postali li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti li jinġarru minn dik il-persuna u li huma kunsinnati magħhom iżda ebda ħlas jew premju, profitt jew vantaġġ ta' kull xorta ma għandu jiġi mogħti jew ikun riċevut għall-ġarr u b'kunsinna ta' dawk l-oġġetti postali;

(*ċ*) il-ġarr, kunsinna u ġbir ta' korrispondenza minn persuna li jkollha xi interess kummerċjali f'dik il-korrispondenza. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, persuna għandha titqies li għandha interess kummerċjali jekk:

(i) tkun impjegata ta' xi wieħed mill-korrispondenti jew ta' xi membru tal-istess grupp bħala wieħed mill-korrispondenti u l-oġġett postali jkollu x'jaqsam mal-affarijiet kummerċjali ta' dak il-

korrispondent, jew

(ii) hi u xi wieħed mill-korrispondenti jkunu impjegati tal-istess persuna jew ta' membri differenti tal-istess grupp u l-oġġett postali jkollu x'jaqsam mal-affarijiet kummerċjali ta' dik il-persuna jew, skont il-każ, tal-prinċipal ta' dak il-korrispondent;

(*d*) il-ġarr u l-kunsinna ta' oġġetti postali minn awtorità jew aġenzija pubblika waħda, ikunu kif ikunu deskritti, għall-oħra, jew f'dik l-istess awtorità jew aġenzija, u l-ġbir ta' oġġetti postali għal dak l-iskop;

(*e*) il-ġarr u l-kunsinna ta' oġġetti postali minn organizzazzjoni li ma tagħmilx qligħ meta oġġett postali ikun indirizzat lil xi wħud mill-membri ta' dik l-organizzazzjoni jew lil kull membru iżda ebda ħlas jew premju, profit jew vantaġġ ta' kull xorta ma jiġi mogħti jew ikun riċevut għall-ġarr jew kunsinna ta' dawk l-oġġetti postali.

(2) Ebda ħaġa f'dan ir-regolament ma għandha tiftiehem li tawtorizza lil xi persuna li tagħmel il-ġbir ta' oġġetti postali bl-iskop li dawn jinġarru b'xi mod awtorizzat taħt dan ir-regolament.

Għoti ta' liċenza lil provditur ta' servizz universali. *Emendat: A.L. 408 tal-2012.*

45. (1) L-awtorizzazzjoni li bis-saħħa tagħha provditur ta' servizz universali jista' jipprovdi servizzi fl-ambitu tas-servizzi universali kif hemm fl-Att, għandha tingħata b'liċenza individwali.

(2) L-għoti ta' liċenza taħt is-subregolament (1) għandu jitqies li jawtorizza li l-provditur ta' servizz universali li jipprovdi wkoll servizzi postali li mhumiex parti mis-servizzi universali:

Iżda l-provditur ta' servizz universali għandu wkoll jikkonforma ruħu mal-kondizzjonijiet mehmużin mal-awtorizzazzjoni ġenerali.

(3) Sakemm tkun għadha tapplika l-liċenza individwali, il-provditur ta' servizz universali għandu jħallas lill-Awtorità d-dritt annwali speċifikat fl-Iskeda.

Għoti ta' liċenza għal servizzi fl-ambitu ta' servizzi universali. *Emendat: A.L. 408 tal-2012.*

46. (1) L-awtorizzazzjoni li bis-saħħa tagħha operatur postali jipprovdi servizzi postali li jinkwadraw fl-ambitu tas-servizzi universali, imma meta dak l-operatur ma jkunx provditur ta' servizz universali, għandha tingħata b'liċenza individwali.

(2) L-għoti ta' liċenza taħt is-subregolament (1) għandu jitqies li jawtorizza lid-detentur tal-liċenza jipprovdi wkoll servizzi postali li joħorġu 'l barra mill-iskop tas-servizzi universali:

Iżda d-detentur tal-liċenza għandu wkoll jikkonforma ruħu mal-kundizzjonijiet mehmużin mal-awtorizzazzjoni ġenerali.

(3) Sakemm tkun għadha tapplika liċenza individwali maħruġa skont dan ir-regolament, id-detentur tal-liċenza għandu jħallas lill-Awtorità d-dritt annwali speċifikat fl-Iskeda.

Awtorizzazzjoni ġġall-provdiment ta' servizzi li mhumiex parti mis-servizz universali. *Emendat: A.L. 408 tal-2012.*

47. (1) L-awtorizzazzjoni biex jiġu provduti servizzi postali li joħorġu 'l barra mill-iskop tas-servizzi universali, għandha tingħata kif hemm fl-awtorizzazzjoni ġenerali.

(2) L-Awtorità għandha b'direttiva tistabbilixxi u tippubblika l-kondizzjonijiet mehmużin ma' awtorizzazzjoni ġenerali.

(3) Kull kondizzjoni mehmuża ma' awtorizzazzjoni ġenerali għandha tkun oġġettivament ġustifikata, mhux diskriminatorja, proporzjonata u trasparenti.

(4) Kull operatur postali għandu jikkonforma ruħu mal-kondizzjonijiet mehmużin mal-awtorizzazzjoni ġenerali.

(5) Operaturi postali awtorizzati għandhom iħallsu lill-Awtorità dawk id-drittijiet annwali kif inhuma stabbiliti fl-Iskeda:

Iżda dawn id-drittijiet ma għandhomx jitħallsu jekk dak l-operatur ikun l-provditur ta' servizz universali u jkun ħallas id-dritt annwali msemmi fir-regolament 45, jew jekk dak l-operatur ikollu liċenzja u jkun ħallas id-dritt annwali msemmi fir-regolament 46(3).

Avviż. *Emendat: A.L. 408 tal-2012.*

48. (1) Kull persuna li tkun biħsiebha tipprovdi servizzi postali li joħorġu 'l barra mill-iskop tas-servizzi universali għandha, qabel ma tagħmel dan, tavża lill-Awtorità bl-intenzjoni li jkollha li tipprovdi dawk is-servizzi.

(2) L-avviż taħt is-subregolament (1) għandu jkun f'dik il-forma skont ma l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi u għandu jinkludi dan li ġej:

(*a*) l-isem sħiħ, l-indirizz tan-negozju u dettalji tal-kuntatt tal-persuna involuta inklużi, fil-każ ta' korp magħqud -

(i) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpannija u,

(ii) meta l-indirizz tan-negozju ikun ivarja mill-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tagħha, l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat,

(*b*) deskrizzjoni ċara tas-servizzi postali li għandhom jiġu provduti,

(*ċ*) data approssimattiva ta' meta tkun ser tibda l-attività rilevanti,

(*d*) iż-żona ġeografika maħsuba biex tkun koperta minn dak is-servizz, u

(*e*) dikjarazzjoni ffirmata ta' konformità mal-kondizzjonijiet rilevanti kif stipulati taħt l-Att u b'dawn ir-regolamenti.

(3) Malli l-Awtorità tirċievi avviż konformament mas-subregolament (2), dik il-persuna titqies li tkun awtorizzata li tipprovdi s-servizz postali deskritt fl-avviż.

(4) Persuna li tkun debitament awtorizzata skont ir-regolament 47 għandha tavża lill-Awtorità b'kull bdil fl-informazzjoni mogħtija taħt is-subregolament (2)(*a*), fi żmien erbatax-il ġurnata minn dik il-bidla u fir-rigward tal-materji msemmija fis-

subregolament (2)(*b*) sa (*d*), fi żmien erbatax-il ġurnata qabel il-bidu tal-attività rilevanti.

Dikjarazzjoni u avviż meta jasal l-avviż. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

49. L-Awtorità għandha, fi żmien sebat ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi avviż magħmul lilha skont ir-regolamenti 45 sa 48, toħroġ lill-operatur postali li jkun għamel dak l-avviż, f'dik il-forma skont ma l-Awtorità tista', minn żmien għal żmien, tistabbilixxi, dikjarazzjoni u avviż li jkunu jikkonfermaw, fejn dan japplika, li dak l-operatur postali jkun ipprezenta avviż skont ir-regolamenti 45 sa 48.

Ħtiġiet u kontrolli. *Miżjud: A.L. 457 tal-2010.*

49A. (1) Meta l-Awtorità tiġi biex tagħti xi awtorizzazzjoni kif hemm fl-Att, hija m'għandhiex tidduplika l-ħtiġiet u l-kontrolli li jkunu ekwivalenti jew essenzjalment paragunabbli dwar il-fini tagħhom u li operatur postali jista' jkun diġà soġġett għalihom fi Stat Membru ieħor:

Iżda l-Awtorità tista' tikkonsulta ruħha, tivverifika u tifli t-twettiq ta' dawk il-ħtiġiet u l-kontrolli ma' xi awtorità nazzjonali regolatorja oħra ta' xi Stat Membru ieħor hekk kif jista' jkun meħtieġ:

Iżda wkoll l-Awtorità għandha tevalwa l-ekwivalenza jew il-paragunabilità ta' dawk il-ħtiġiet u kontrolli kull każ għalih u jista' jsir appell mid-deċiżjoni tiegħu quddiem il-Bord tal-Appelli.

(2) Ebda ħaġa f 'dan ir-regolament m'għandha tolqot il-jedd ta' l-Awtorità li titlob traduzzjoni mhux awtentikata ta' xi ċertifikat jew dokument fl-ilsien Malti jew Ingliż.

Reġistru ta' operaturi postali.

50. (1) L-Awtorità għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru ta' dawk il-persuni li jkunu ppreżentaw avviż skont ir-regolament 48 u ta' kull informazzjoni oħra, skont ma l-Awtorità jidhrilha li tkun xieraq, u li ma tkunx informazzjoni li l-Awtorità bir-raġun tqis li tkun waħda konfidenzjali, għandha tiddaħħal fir-reġistru miftuħ u miżmum taħt dan is-subregolament.

(2) L-Awtorità tista', skont kif ikun meħtieġ, temenda jew tħassar dak li jiġi mnizzel fir-reġistru.

(3) Membri tal-pubbliku jistgħu jispezzjonaw ir-reġistru bla ebda ħlas f'dawk il-ħinijiet raġonevoli skont ma l-Awtorità tista' tistabbilixxi u jistgħu, bi ħlas raġonevoli li jiġi stabbilit mill-Awtorità, jagħmlu kopji ta' xi ħaġa mniżżla fir-reġistru, jew jieħdu siltiet minnha.

Taqsima V

Tariffi

Bolli ta' pustaġġ mhux validi.

51. Ma għandhomx jintużaw biex jintwera li jkun sar ħlas ta' pustaġġ jew ta' drittijiet, bolli mutilati jew bolli ta' *postage-due*, u lanqas ma għandhom dawk il-bolli jiġu aċċettati bħala validi bħala ħlas bil-quddiem jew bħala parti mill-ħlas bil-quddiem ta' pustaġġ.

It-timbru uffiċjali jkun prova li tħallas il-pustaġġ. *Miżjud: A.L. 457 tal-2010.*

51A. Timbru uffiċjali jew bolla fuq oġġett postali li jkunu juru li xi pustaġġ jew ammont ieħor ikunu dovuti dwaru lil operatur postali, jew lil uffiċċju postali ta' xi pajjiż ieħor, għandhom, sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, ikunu prova li l-ammont muri kif hawn qabel imsemmi jkun dovut.

Il-bolli għandhom jinbiegħu skont il-valur stampat fuqhom.
Emendat: A.L. 457 tal-2010.

52. Sakemm ma jiġix provdut mod ieħor taħt l-Att jew dawn ir-regolamenti, il-bolli għandhom jinbiegħu biss skont il-valur muri fuqhom:

Iżda ebda ħaġa f'dan ir-regolament m'għandha titfisser bħala li tkun tipprojbixxi lil xi operatur postali milli jipprovdi servizzi fi ħdan l-iskop tas-servizzi universali biex iħallas xi kummissjoni lil xi persuna li tkun qegħda tbiegħ il-bolli f'ismu.

Pustaġġ mhux imħallas jew imħallas inqas għal posta lokali.
Emendat: A.L. 28 ta' l-2009.

53. (1) Dan ir-regolament japplika għal oġġetti postali impustati f'Malta għall-kunsinna f'kulll post f'Malta.

(2) Oġġett postali impustat mingħajr il-ħlas bil-quddiem jew b'pustaġġ imħallas bil-quddiem li jkun inqas, jista' jiġi mitlub li jitħallas sad-doppju tal-pustaġġ nieqes u għandu jiġi kunsinnat lill-indirizzat li għandu jagħmel dak il-ħlas meta huwa jaċċetta l-oġġett postali:

Iżda jekk f'dak il-kaz l-oġġett postali jiġi rifjutat mill-indirizzat jew il-kunsinna tal-oġġett postali ma tkunx tista' ssir, l-oġġett postali għandu jintbagħat lura lill-mittent li jkollu jħallas dak il-ħlas hawn qabel imsemmi:

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament m'għandhomx japplikaw għal dawk il-każijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fil-liġi jew mill-Awtorità skont ma l-provditur tas-servizzi universali jista' jkun meħtieġ li jagħmel il-konsenja ta' oġġetti postali bla ħlas jew bi ħlas ta' pustaġġ ridott lil xi indirizzat imsemmi.

Pustaġġ mhux imħallas jew imħallas inqas għal oġġetti postali deħlin f'Malta u ħerġin minn Malta.

54. (1) Dan ir-regolament japplika għal oġġetti postali deħlin f'Malta u ħerġin barra minn Malta.

(2) L-oġġetti postali kollha ħerġin minn Malta, minbarra oġġetti postali reġistrati, li xejn jew parti biss mill-postaġġ dovut ikun imħallas bil-quddiem, għandhom jiġu trattati kif ġej:

(*a*) meta l-indirizz tal-mittent ikun jidher fuq il-qoxra ta' barra, l-oġġett postali għandu jintbagħat lura lill-mittent kontrasenjat kif imiss għall-ħlas tal-pustaġġ nieqes,

(*b*) meta oġġett postali ħiereġ minn Malta ma jistax jitbagħat lura lill-mittent biex isir il-ħlas sħiħ tal-pustaġġ, jista' jiġi mitlub ħlas sad-doppju tal-pustaġġ nieqes u l-oġġett għandu jiġi kunsinnat lill-indirizzat li jkollu jħallas dik l-ispiża meta jaċċetta l-oġġett postali.

(3) Oġġett postali dieħel f'Malta, inkluż oġġett postali reġistrat, li dwaru xejn jew parti biss mill-pustaġġ dovut kien imħallas, għandu jiġi kunsinnat lill-indirizzat u għandu jħallas fuqu dak l-ammont li l-operatur postali barrani involut għandu jkun talab li jinġabar.

(4) Kull ammont mitlub taħt is-subregolament (2)(*a*) u taħt is-subregolament (3) għandu jitħallas mill-mittent jew mill-indirizzat, skont il-każ, u l-provditur ta' servizzi universali jista' jżomm milli l-oġġett jintbagħat jew li ssir il-kunsinna sakemm isir dak il-ħlas.

55. (1) Ma għandu jkun hemm ebda eżenzjoni mill-ħlas tal-pustaġġ sakemm dan ma jkunx ipprovdut espressament taħt l-Att, dawn ir-regolamenti jew xi liġi oħra:

Eżenzjoni mill-pustaġġ.

Iżda l-Awtorità wara konsultazzjoni pubblika tista', b'direttiva, tordna li ebda ħlas ta' pustaġġ ma għandu jkun dovut f'dawk iċ-ċirkostanzi skont ma hi tista' tispeċifika.

(2) Il-mittent ta' oġġett postali li hu intitolat għal kunsinna bil-posta b'xejn ma għandux ikun eżenti milli jħallas id-dritt ta' reġistrazzjoni stipulat u drittijiet postali oħra dovuti fuq dak l-oġġett postali.

56. (1) Ebda pustaġġ ma għandu jitħallas fuq oġġetti postali li jkunu oġġetti għall-użu tal-għomja, iżda:

Oġġetti għall-għomja.

(*a*) l-oġġetti postali għandhom ikunu mibgħuta minn jew indirizzati lil persuna għamja jew istituzzjoni jew organizzazzjoni li tkun rikonoxxuta mill-Awtorità bħala istituzzjoni jew organizzazzjoni li taqdi lill-għomja,

(*b*) kull oġġett postali għandu jkun immarkat fuq barra "Oġġetti għall-Għomja" u jkollu fuqu l-isem u l-indirizz tal-mittent,

(*ċ*) kull oġġett postali għandu jkun impustat jew mingħajr ebda qoxra jew b'qoxra li tista' titneħħa faċilment biex tiġi eżaminata,

(*d*) ebda oġġett postali ma għandu jkun fih xi oġġett li ma jkunx oġġett għall-użu tal-għomja,

(*e*) ebda oġġett postali ma għandu jkun fih xi komunikazzjoni jew iskrizzjoni, la miktuba u lanqas stampata, barra minn istruzzjonijiet għall-użu ta' xi oġġett li jkun ġo fih, u

(*f*) l-oġġett postali għandu jkun konformi mal-limiti ta' daqs u ta' piż msemmija fir-regolament 8.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, oġġett postali għandu jinkludi wkoll pakk li jkun fih biss oġġetti għall-użu tal-għomja.

Taqsima VI

Money u *Postal Orders*

57. (1) Il-provditur ta' servizz universali hekk appuntat jista' jibgħat kull ammont ta' flus lil kull persuna f'Malta permezz ta' *money order*, inkluż *postal order*.

Money orders.
Emendat: A.L. 457 tal-2010.

(2) Il-provditur ta' servizz universali involut jista' jibgħat kull ammont ta' flus lil kull persuna fi kull pajjiż li miegħu jkun hemm arranġament ta' kambju ta' *money orders* permezz ta' *money order,* inkluż *postal order.*

(3) L-ammont ta' flus li għandu jintbagħat u l-kummissjoni miżmuma fuqu għandhom jitħallsu fl-uffiċċju tal-posta fil-waqt li jinħareg il-*money order.*

(4) *Money order*, meta jinħareġ, jingħata lil min ikun ser jibgħatu biex dan jibgħatu hu lil min ikun jista' jsarrfu.

Setgħa li għandu min jibgħat il-flus biex isejjaħ lura *money order* jew jibdel isem min ser jitħallas. *Miżjud: A.L. 457 tal-2010.*

57A. (1) Bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet li l-Ministru jista', b'regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 81 tal-Att jordna, persuna li tibgħat flus bis-saħħa ta' operatur postali permezz ta' *money order* tista' teħtieġ li l-ammont tal-ordni, jekk dan ma jitħallasx lil min ikollu jitħallas, jitħallas lura lilu, jew jitħallas lil dik il-persuna li ma tkunx il-persuna li tkun ser titħallas oriġinarjament hekk kif hija tista' tordna.

(2) Jekk la min ikun ser jitħallas lanqas min jibgħat il-*money order* ma jkunu jistgħu jinstabu, u jekk, fi żmien sena mid-data tal-ħruġ tal-*money order*, ma ssir ebda talba minn dik il-persuna li tkun ser titħallas jew mill-persuna li tibgħat flus, l-ammont ta' dak il-*money order* m'għandux jintalab mill-operatur postali.

L-ogħla u l-inqas ammonti. *Emendat: A.L. 423 tal-2007.*

58. L-ogħla u l-inqas ammont ta' flus li jista' jinħareġ *money order* wieħed għandhom jkunu rispettivament ta' żewġ euro u tletin ċenteżmu (2.30) u ta' elfejn, tliet mija u ħamsa u għoxrin euro (2,325), iżda min jibgħat *money order* jista' japplika għal aktar minn *money order* wieħed fl-istess ħin:

Iżda ebda ħaġa f'dan ir-regolament ma għandha tiftiehem bħala li tolqot jew tnaqqas minn xi limitazzjoni, restrizzjoni, rekwiżit jew permess meħtieġ jew impost b'xi liġi fir-rigward ta' xi ħlas għall-kreditu ta' persuni residenti f'Malta jew barra minn Malta.

Ħlas. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

59. (1) Sakemm il-provditur ta' servizz universali hekk appuntat ma jiftihemx mod ieħor, *money order* ma jistax jissarraf fl-istess jum tal-ħruġ tiegħu.

(2) *Money orders* għandhom jissarrfu jew fl-uffiċċju tal-posta indikat fuqhom jew f'bank.

(3) Jekk *money order* jiġi ppreżentat biex jissarraf f'uffiċċju tal-posta, il-ħlas isir f'isem ir-riċevent li jkun iffirma bħala prova ta' l-identità tiegħu.

(4) *Money orders* maqtugħin jistgħu jissarfu biss minn bank.

(5) Meta *money orders* jiġu ppreżentati biex jissarfu f'bank, il-formalitajiet imsemmija f'dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw.

Perjodu ta' validità.

60. *Money order* ikun validu għal perjodu ta' sittin ġurnata mid-data minn meta jinħareġ.

Ħlas lura.

61. L-ammont ta' *money order* jista' jitħallas lura lil min jibagħtu jekk huwa jippreżentah fiż-żmien li dan jibqa' validu.

Flus imħallsa żejjed jew lill-persuna bi żball. *Miżjud: A.L. 457 tal-2010.*

61A. Jekk xi persuna, mingħajr ma jkollha skuża raġonevoli u li jkollha l-oneru li ġġib prova, tonqos jew tirrifjuta milli tħallas lura -

(*a*) xi ammont imħallas lilha dwar xi *money order* jew *postal order* minn uffiċjal ta' operatur postali iżjed mill-ammont li kellu jiġi mħallas lilha għar-rigward tiegħu; jew

(*b*) l-ammont ta' *money order* jew *postal order* imħallas minn uffiċjal ta' operatur postali lilu minflok lil xi

persuna oħra li kellu jitħallas lilha,

dak l-ammont ikun jista' jinġabar lura bħala dejn ċivili fuq talba tal-operatur postali.

62. *Money orders* li ma jkunux għadhom validi u li ma jkunux ġew imġedda għandhom jitħallsu lura lil min ikun bagħthom.

Money order bla effett.

Taqsima VII

Miżjuda: A.L. 28 tal-2009.

Identifikatur Postali

62A. (1) Operatur postali għandu, kemm jista' jkun raġonevolment malajr, hekk kif jaċċetta oġġett postali għal konsenja u qabel ma jikkonsenja l-oġġett postali, iwaħħal, jimpressa jew jistampa fuq l-oġġett postali l-identifikatur postali tiegħu:

Obbligu li twaħħal eċċ., l-identifikatur postali fuq oġġett postali. *Miżjud: A.L. 28 tal-2009.*

Iżda dan ir-rekwiżit ma japplikax jekk l-identifikatur postali tal-operatur postali li hu responsabbli għall-konsenja ikun diġà mwaħħal, impress jew stampat fuq l-oġġett postali.

(2) Operatur postali li jipprovdi servizzi postali li jaqgħu taħt l-iskop tas-servizzi universali, għandu jiżgura li l-oġġett postali li jġorr ikun immarkat b'marka postali li tindika d-data ta' meta dan ikun ġie konsenjat għand l-imsemmi operatur postali.

Taqsima VIII

Emendata: A.L. 28 tal-2009.

Konformità u Sanzjonijiet

63. (1) L-Awtorità għandha tiżgura konformità mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u tista', għal dan l-iskop u biex twettaq d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, toħroġ kull direttiva li jidhrilha meħtieġa f'dan ir-rigward.

Konformità.

(2) Persuna għandha f'kull ċirkostanza tikkonforma ruħha ma' kull direttiva jew deċiżjoni, tkun kif tkun deskritta, tal-Awtorità maħruġa taħt dawn ir-regolamenti minkejja kull tilwima, appell jew proċeduri legali oħra kontemplati jew mibdijin fir-rigward tal-istess direttiva jew deċiżjoni.

(3) Persuna li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi direttiva jew deċiżjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti għandha titqies li tkun aġixxiet bi ksur ta' dawn ir-regolamenti.

64. Kemm-il darba ma jiġix stipulat mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista', skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VII tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjonijiet, timponi dawk is-sanzjonijiet, skont ma jidhrilha xierqa skont l-Att hawn qabel imsemmi, fuq kull persuna li taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti:

Sanzjonijiet. *Emendat: A.L. 423 tal-2007.* Kap. 418.

Iżda kull multa amministrattiva li l-Awtorità tista' tiddeċiedi li timponi minħabba f'xi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti ma għandha f'ebda każ taqbeż is-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u ħamsa u erbgħin euro (11,645) għal kull ksur u, jew erba' mija u ħamsa u sittin euro (465) għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej dak in-nuaqqas ta' konformità.

Miżjuda: A.L. 408 tal-2012.

Taqsima IX

Regolament tas-Suq

Definizzjoni ta' suq tas-servizzi postali. *Miżjud: A.L. 408 tal-2012.*

64A. (1) L-Awtorità għandha tiddefinixxi s-swieq tas-servizzi postali rilevanti fl-ambitu tas-servizz universali adatt għaċ-ċirkostanzi nazzjonali.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) huma mingħajr preġudizzju għal kull suq ta' servizzi postali ieħor rilevanti li l-Awtorità tista' tiddefinixxi kif hemm fil-prinċipji tal-liġi dwar il-kompetizzjoni.

Operaturi postali li jkollhom setgħa sinifikanti fis-suq. *Miżjud: A.L. 408 tal-2012.*

64B. (1) L-Awtorità għandha tistabbilixxi jekk operaturi postali jkollhomx setgħa sinifikanti fis-suq kif hemm f'dan ir-regolament u tingħata konsiderazzjoni lil kull linja gwida tkun kif tkun deskritta mill-Awtorità:

Iżda, meta jibdew iseħħu dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' taħtar lill-operatur postali maħtur bħala l-provditur ta' servizz universali, bħala li jkollu setgħa sinifikanti fis-suq f'xi suq ta' servizzi postali rilevanti fl-ambitu tas-servizz universali kif identifikat mill-Awtorità.

(3) Operatur postali għandu jitqies bħala li jkollu setgħa sinifikanti fis-suq jekk sew individwalment sew flimkien ma' oħrajn, ikun igawdi pożizzjoni ekwivalenti għal dominanza, jiġifieri pożizzjoni ta' saħħa ekonomika li tagħtih il-forza li jġib ruħu sa ċertu limitu apprezzabbli indipendentement mill-kompetituri, klijenti u fl-aħħar mill-aħħar l-utenti.

(4) Meta operatur postali jkollu setgħa sinifikanti fis-suq fuq xi suq speċifiku ta' servizzi postali rilevanti, dan jista' jiġi wkoll maħtur bħala li jkollu setgħa sinifikanti fis-suq dwar xi suq ta' servizzi postali li jkollu x'jaqsam mill-qrib meta r-rabta bejn iż-żewġ swieq tkun tali li tippermetti s-setgħa fis-suq li tinżamm fuq xi suq wieħed tkun tista' tiġi eżerċitata wkoll fuq is-suq l-ieħor, biex hekk tissaħħaħ is-setgħa fis-suq tal-operatur postali.

Proċedura ta' analisi tas-suq. *Miżjud: A.L. 408 tal-2012.*

64Ċ. (1) L-Awtorità tista', f'kull waqt li tista' tqis li jkun meħtieġ, wara li tkun iddefiniet suq ta' servizzi postali kif hemm fir-regolament 64A, tagħmel analisi ta' suq bħal dak filwaqt li tingħata konsiderazzjoni lil kull linja gwida tkun kif tkun deskritta mill-Awtorità.

(2) Meta l-Awtorità tkun meħtieġa, taħt is-subregolamenti (3) u (4), jew ir-regolamenti 64E sa 64I, tistabbilixxi jekk għandhiex timponi, iżżomm, temenda jew tirtira xi obbligi speċifiċi fuq operaturi postali, hija għandha tistabbilixxi abbażi tal-analisi li tagħmel tas-suq imsemmija fis-subregolament (1) jekk suq ta' servizzi postali rilevanti ikunx wieħed effettivament kompetittiv.

(3) Meta l-Awtorità tistabbilixxi li suq ta' servizzi postali ikun wieħed effettivament kompetittiv, hija m'għandha timponi jew iżżomm ebda obbligu regolatorju speċifiku minn dawk imsemmija fis-subregolament (2) li jkunu japplikaw għal operatur postali li jkollu setgħa sinifikanti fis-suq:

Iżda f'każijiet meta operatur postali kien ġie qabel maħtur bħala li għandu setgħa sinifikanti fis-suq u dawk l-obbligi ikunu

diġà jeżistu, l-Awtorità għandha, wara li tagħti avviż raġonevoli lil kull parti li l-Awtorità tqis li tkun intlaqtet minn dak l-irtirar, tirtira dawk l-obbligi oneruż fuq l-operatur postali involut.

(4) Meta l-Awtorità, tistabbilixxi li suq ta' servizzi postali ma jkunx wieħed effettivament kompetittiv, hija għandha tinnomina operaturi postali bħala li għandhom setgħa sinifikanti fis-suq kif hemm fir-regolament 64B, u għandha timponi fuq dawk l-operaturi postali obbligi regolatorji adatti msemmija fis-subregolament (2), jew iżżomm u temenda dawk l-obbligi meta dawn ikunu diġà jeżistu.

(5) L-Awtorità għandha, meta dan ikun meħtieġ, twettaq analisi ulterjuri ta' suq ta' servizzi postali rilevanti msemmija fis-subregolament (1), u s-subregolamenti (2) sa (4) għandhom ikunu japplikaw kif ikun hekk meħtieġ.

Impożizzjoni, emenda jew irtirar ta' obbligi fuq operaturi postali b'setgħa sinifikanti fis-suq.
Miżjud: A.L. 408 tal-2012.

64D. (1) L-Awtorità għandha timponi l-obbligi identifikati fir-regolamenti 64E to 64I, kif ikun adatt, fuq kull operatur postali li jkollu setgħa sinifikanti fis-suq f'suq rilevanti ta' servizzi postali bħala riżultat ta' analisi tas-suq li ssir kif hemm f'dawn ir-regolamenti.

(2) Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra fl-Att jew f'dawn ir-regolamenti, u mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jitħarsu impenji internazzjonali, l-Awtorità m'għandha timponi ebda obbligu stipulat fir-regolamenti 64E sa 64I fuq operaturi postali li ma jkunux ġew maħtura bħala li għandhom setgħa sinifikanti fis-suq kif hemm fis-subregolament (1):

Iżda r-regolamenti 64E sa 64I huma mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Awtorità li toħroġ xi direttivi lil xi operatur postali kif hija tista' tkun awtorizzata li toħroġ bil-liġi, inkluży imma mhux limitati għal dawk id-direttivi maħruġin dwar l-artikolu 76A tal-Att.

Obbligu li jiġu provduti servizzi bi prezzijiet bażati fuq in-nefqa.
Miżjud: A.L. 408 tal-2012.

64E. Kif hemm fid-dispożizzjonijiet tar-regolament 64D, operatur postali li jiġi maħtur bħala li għandu setgħa sinifikanti fis-suq f'suq ta' servizzi postali rilevanti, għandu jipprovdi dawk is-servizzi lill-klijenti f'dak is-suq bi prezzijiet bażati fuq in-nefqa, jiġifieri, li l-prezzijiet għandhom ikunu jqisu, u jirriflettu, in-nefqa, biex jiġi provdut is-servizz postali jew parti mis-servizz postali f'dak is-suq.

Obbligu ta' ebda diskriminazzjoni.
Miżjud: A.L. 408 tal-2012.

64F. (1) Kif hemm fid-dispożizzjonijiet tar-regolament 64D, operatur postali maħtur bħala li għandu setgħa sinifikanti fis-suq f'suq ta' servizzi postali rilevanti għandu jipprovdi servizzi bħal dawk f'dak is-suq lill-klijenti:

(*a*) bi prezzijiet, pattijiet u kundizzjonijiet li m'humiex diskriminatorji; u

(*b*) m'għandux jiddiskrimina favur tiegħu nnifsu, jew tas-sussidjarji jew sħab tiegħu, meta jkun qed jipprovdi dawk is-servizzi f'dak is-suq.

(2) L-obbligu li jiġu provduti dawk is-servizzi abbaži ta' ebda diskriminazzjoni jeħtieġ li d-differenzi fil-prezzijiet, pattijiet u kundizzjonijiet għal servizzi postali paragunabbli għandhom ikunu

bbażati fuq differenzi oġġettivi, bħalma huma, imma mhux limitati għal, varjazzjonijiet fin-nefqa tas-servizz provdut, varjazzjonijiet fil-kwantità jew kwalità tas-servizz provdut, jew varjazzjonijiet f'kemm idum iż-żmien tal-ftehim tas-servizz.

Obbligu ta' provdiment ta' servizzi fuq bażi *unbundled*. *Miżjud: A.L. 408 tal-2012.*

64G. (1) Kif hemm fid-dispożizzjonijiet tar-regolament 64D, operatur postali maħtur bħala li għandu setgħa sinifikanti fis-suq f'suq ta' servizzi postali rilevanti, għandu jipprovdi dawk is-servizzi f'dak is-suq fuq bażi *unbundled*.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (1), l-operatur postali m'għandux jeħtieġ illi, bħala kundizzjoni ta' xiri ta' dak is-servizz, klijent għandu wkoll jixtri xi servizz postali ieħor jew xi servizz jew prodott mhux postali:

Iżda l-operatur postali jista' joffri lill-klijenti l-opzjoni li jixtru pakkett li jkun fih għadd ta' servizzi postali u servizzi jew prodotti mhux postali.

Approvazzjoni ta' tariffi u pubblikazzjoni. *Miżjud: A.L. 408 tal-2012.*

64H. (1) Kif hemm fid-dispożizzjonijiet tar-regolament 64D, u kif jista' jkun hemm f'xi direttiva li tista' toħroġ l-Awtorità, operatur postali maħtur bħala li għandu setgħa sinifikanti fis-suq f'suq ta' servizzi postali rilevanti għandu jippreżenta tariffa għall-approvazzjoni bil-miktub tal-Awtorità qabel ma joffri jew jibdel il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li bihom ikun qed joffri xi servizz postali li huwa jipprovdi f'dak is-suq, inkluži servizzi postali magħmulin għal klijenti speċifiċi:

Iżda meta tkun ġiet approvata tariffa kif hemm f'dan ir-regolament l-operatur postali għandu jikseb bil-miktub l-approvazzjoni tal-Awtorità qabel ma jiġi rtirat s-servizz postali li jkun jipprovdi.

(2) L-Awtorità tista' toħroġ direttivi lil operatur postali maħtur bħala li għandu setgħa sinifikanti fis-suq f'suq rilevanti ta' servizzi postali dwar il-mod kif għandhom jiġu pubblikati tariffi approvati, u pattijiet u kundizzjonijiet (inkluża l-kwalità ta' servizz) li l-operatur postali jipprovdi s-servizz dwarhom.

Separazzjoni tal-kontijiet. *Miżjud: A.L. 408 tal-2012.*

64I. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Att, kif hemm fir-regolament 64D u f'kull direttiva li l-Awtorità tista' toħroġ, operatur postali maħtur bħala li għandu setgħa sinifikanti fis-suq f'suq rilevanti ta' servizzi postali jkun meħtieġ li jżomm kontijiet separati fis-sistema ta' kontijiet tiegħu.

(2) Sistema ta' kontijiet interna bħal dik imsemmija fis-subregolament (1) għandha topera abbażi ta' prinċipji ta' kontijiet dwar l-infiq li huma konsistentement applikati u oġġettivament ġustifikabbli:

Iżda l-Awtorità tista' tispeċifika l-format u l-metodoloġija ta' kontijiet li għandha tintuża minn operatur postali li jirriżulta li jkollu setgħa sinifikanti fis-suq.

(3) Il-konformità mas-sistema ta' kontijiet dwar l-infiq, inkluži kontijiet regolatorji relatati għandhom, kif tagħżel l-Awtorità, għandha tkun verifikata mill-Awtorità jew minn entità indipendenti li tkun kwalifikata kif imiss u approvata mill-Awtorità.

(4) L-operatur postali involut għandu wkoll jippubblika fil-kontijiet annwali tiegħu dikjarazzjoni dwar il-konformità tiegħu ma' kull sistema ta' kontijiet dwar l-infiq imposta taħt dan ir-regolament.

Aċċess ġenerali għall-provdiment ta' servizzi postali. *Miżjud: A.L. 408 tal-2012.*

64J. (1) Operatur postali jkollu jedd u, meta jiġi hekk mitlub minn xi operatur postali ieħor, obbligu, li jinnegozja aċċess bil-għan li jikkonkludi ftehim ma' xulxin bil-għan li jiġu provduti servizzi postali u għandu jinnotifika lill-Awtorità meta jinbdew xi negozjati bħal dawk.

(2) L-Awtorità għandha, jekk tkun ġiet hekk mitluba tagħmel bil-miktub minn xi parti jew oħra fin-negozjati, tispeċifika ż-żmien sa meta għandhom jitlestew in-negozjati msemmija fis-subregolament (1).

(3) Meta ma jintlaħaqx ftehim fiż-żmien speċifikat mill-Awtorità taħt is-subregolament (2), l-Awtorità, fid-diskrezzjoni tagħha u jekk tiġi hekk mitluba tagħmel minn xi parti jew oħra fin-negozjati, tista' tieħu passi biex tirrisolvi kull tilwima li setgħet tinqala' bħala riżultat tan-nuqqas li jintlaħaq ftehim:

Iżda tilwima bħal dik tista' tiġi riżolta bil-mod kif hemm fil-proċeduri stabbiliti u mħarsa mill-Awtorità.

(4) Operatur postali li jikseb informazzjoni mingħand xi operatur postali ieħor qabel, matul jew wara l-proċess ta' negozjar ta' arranġamenti ta' aċċess, għandu juża dik l-informazzjoni unikament għall-iskop li tkun ġiet provduta għalih, u għandu f'kull waqt jirrispetta l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni trasmessa jew maħżuna. L-informazzjoni li tkun ġiet hekk riċevuta m'għandhiex tingħadda lil xi persuna oħra inklużi sussidjarji jew sħab, li għalihom dik l-informazzjoni tkun tista' tipprovdi vantaġġ kompetittiv.

Aċċess għall-infrastruttura postali. *Miżjud: A.L. 408 tal-2012.*

64K. (1) L-Awtorità tista' toħroġ direttivi lil operatur postali li jkun qiegħed jipprovdi servizzi fl-ambitu tas-servizz universali, fejn teħtieġu jippermetti aċċess lil operaturi postali oħra għall-infrastruttura postali tiegħu b'dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li l-Awtorità tista' tordna għal dak l-għan, partikolarment, f'sitwazzjonijiet fejn l-Awtorità tqis li ċ-ċħid ta' aċċess, jew pattijiet u kundizzjonijiet mhux raġonevoli li jkollhom effett simili, ikun jimpedixxi l-qawmien ta' suq kompetittiv sostenibbli jew ma jkunx fl-interess tal-utent.

(2) L-Awtorità tista' teħtieġ lil operatur postali li jipprovdi servizzi fl-ambitu tas-servizz universali li jadotta u jippubblika offerta ta' referenza li tkun tispeċifika l-pattijiet u l-kundizzjonijiet li bihom l-operatur postali jkun ser jippermetti aċċess lil operaturi postali oħra għall-infrastruttura postali tiegħu.

(3) L-Awtorità tista' tispeċifika l-informazzjoni eżatta li tkun tista' tintgħamel disponibbli f'offerta ta' referenza, inklużi dispożizzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mat-tip ta' aċċess li għandu jkun provdut, il-prezz għall-aċċess, il-pattijiet u kundizzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' affarijiet oħra li m'humiex il-prezz, u l-livell ta' detall meħtieġ u l-mod kif issir il-pubblikazzjoni.

(4) L-Awtorità tista' timponi bidliet fl-offerta ta' referenzi sabiex tagħti seħħ lill-obbligi imposti taħt dawn ir-regolamenti.

Aċċess għan-*network* postali ta' provditur ta' servizz universali. *Miżjud: A.L. 408 tal-2012.*

64L. (1) L-Awtorità tista' toħroġ direttivi lil provditur ta' servizz universali fejn tkun teħtieġu li jħares talbiet raġonevoli għal aċċess u l-użu ta' elementi speċifiċi tan-*network* postali b'dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li l-Awtorità tista' tordna għal dak l-għan, partikolarment, f'sitwazzjonijiet fejn l-Awtorità tqis li ċ-ċħid ta' aċċess, jew ta' pattijiet u kundizzjonijiet mhux raġonevoli li jkollhom effett simili jkun jimpedixxi l-qawmien ta' suq kompetittiv sostenibbli jew ma jkunx fl-interess tal-utent.

(2) L-Awtorità tista' teħtieġ lil provditur ta' servizz universali jadotta u jippubblika offerta ta' referenza ta' aċċess li tkun tispeċifika l-pattijiet u kundizzjonijiet li bihom il-provditur ta' servizz universali għandu jħalli li jsir aċċess għal elementi speċifiċi tan-*network* postali, li għandu jkun suffiċjentement *unbundled* hekk li jiżgura li l-operaturi postali ma jinħtiġux iħallsu għal faċilitajiet li ma jkunux meħtieġa għas-servizzi mitlubin:

Iżda l-provditur ta' servizz universali, meta jkun qiegħed jagħmel dan, għandu jagħti deskrizzjoni tal-offerti rilevanti maqsumin f'komponenti kif ikun hemm bżonn għall-ħtiġiet tas-suq, u l-pattijiet u kundizzjonijiet assoċjati inklużi l-prezzijiet.

(3) L-Awtorità tista' tispeċifika l-informazzjoni eżatta li għandha tintgħamel disponibbli f'offerta ta' referenza ta' aċċess, inklużi dispożizzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mat-tip ta' aċċess li għandu jkun provdut, il-prezz tal-aċċess, il-pattijiet u kundizzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' affarijiet oħra li m'humiex il-prezz, u l-livell ta' detall meħtieġ u l-mod kif issir il-pubblikazzjoni.

(4) L-Awtorità tista' timponi bidliet fl-offerti ta' referenza ta' aċċess biex tagħti seħħ lill-obbligi imposti taħt dawn ir-regolamenti.

Dispożizzjonijiet transitorji. *Miżjud: A.L. 408 tal-2012.*

64M. Kull direttiva u deċiżjoni tkun kif tkun deskritta u maħruġa mill-Awtorità u li tkun fis-seħħ qabel ma jibdew iseħħu dawn ir-regolamenti għandha tibqa' sseħħ sakemm din tiġi revokata jew emendata mill-Awtorità.

Emendata: A.L. 28 tal-2009; A.L. 408 tal-2012.

Taqsima X

Mixxellanja

Eċċezzjonijiet minn obbligi ta' ġbir u kunsinna. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

65. Kull eċċezzjoni jew deroga mogħtija mill-Awtorità bis-saħħa tal-artikolu 17(3) tal-Att għandha tiġi komunikata lill-Kummissjoni Ewropea u lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali l-oħra kollha.

Integrità tal-posta. *Emendat: A.L. 457 tal-2010.*

66. L-Awtorità tista' toħroġ direttivi lil operatur postali sabiex tiżgura l-ħarsien tal-integrità tal-posta:

Iżda qabel ma toħroġ xi direttivi bħal dawk l-Awtorità tista' tikkonsulta lil dawk il-partijiet interessati li jkun jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi.

67. (*Imħassar bl-Avviż Legali 408 tal-2012*).

Aċċess.
Emendat:
A.L. 457 tal-2010.

68. Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha teżenta lil xi persuna mill-obbligu li tikseb b'mod għaqli u bi spejjeż tagħha xi permess, liċenza jew approvazzjoni jew awtorizzazzjoni oħra, ikunu kif ikunu deskritti u li jkunu, meħtieġa biex topera u żżomm is-servizzi postali jew xi parti minnhom li dawn ir-regolamenti japplikaw għalihom, jew mill-obbligu li tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni ta' xi permess, liċenza jew approvazzjoni jew awtorizzazzjoni oħra bħal dawk.

Ebda eżenzjoni mill-obbligu li jinkiseb kull permess ieħor, eċċ.

Sostitwita:
A.L. 423 tal-2007.
Emendata:
A.L. 28 tal-2009;
A.L. 457 tal-2010;
A.L. 408 tal-2012.

L-EWWEL SKEDA
(Regolamenti 45, 46 u 47)

Drittijiet li għandhom jitħallsu kull sena

	Dritt
(*a*) Drittijiet li għandhom jitħallsu mill-provditur ta' servizzi universali li jkollu liċenza skont ir-regolament 45 fir-rigward ta' kull servizz postali mogħti mill-provditur ta' servizzi universali kemm jekk dawn jaqgħu taħt l-iskop tas-servizzi universali u kemm jekk ma jaqgħux:	
Sal-31 ta' Mejju 2003	€465,870
Mill-1 ta' Ġunju 2003 sat-30 ta' April 2004	€232,935 flimkien ma' nofs fil-mija tad-dħul gross totali minn servizzi postali li jaqgħu taħt l-iskop tas-servizzi universali,
Mill-1 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Diċembru 2005	€174,700 flimkien ma' tliet kwarti fil-mija tad-dħul gross totali minn servizzi postali li jaqgħu taħt l-iskop tas-servizzi universali, u
Mill-1 ta'Jannar 2006	€58,230 flimkien ma' tliet kwarti fil-mija tad-dħul gross totali minn servizzi postali li jaqgħu taħt l-iskop tas-servizzi universali;
(*b*) drittijiet li għandhom jitħallsu minn operaturi li ma jkunux maħtura provdituri ta' servizzi universali, li jkollhom liċenza kif hemm fir-regolament 46 dwar servizzi li jkunu kemm jinkwadraw fl-iskop kif ukoll joħorġu 'l barra mill-iskop tas-servizzi universali	€930 flimkien ma' wieħed fil-mija tad-dħul gross totali minn servizzi postali li jagħmlu parti mis-servizzi universali;
(*ċ*) drittijiet li għandhom jitħallsu minn operaturi li jkunu awtorizzati skont ir-regolament 47 fir-rigward ta' servizzi li ma jaqgħux taħt l-iskop tas-servizzi universali	€150:

Iżda operatur li juri għas-sodisfazzjoni tal-Awtorità li d-dħul gross annwali tiegħu ma jaqbiżx €24,300, għandu jkun eżenti mill-ħlas ta' dirittijiet bħal dawn.

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 7F)

Mi\juda:
A.L. 457 tal-2010.

Dikjarazzjoni

Jien ..... hawn taħt iffirmat, niddikjara bil-ġurament/nafferma solennement illi:

(*a*) ma niftaħx għax irrid jien jew indewwem jew inġiegħel jew inħalli li jinfetaħ jew jiddewwem, kontra dmirijieti, xi oġġett postali li jgħaddi minn idejja jew minn taħt il-kustodja tiegħi bħala impjegat fis-servizz postali, ħlief bil-kunsens ta' min ikun bagħtu jew tal-persuna lil min l-oġġett ikun indirizzat, jew ħlief f'dawk il-każijiet li nkun hekk awtorizzat jew ordnat dwarhom kif hemm fil-liġi;

(*b*) b'ebda mod m'jien ser inbagħbas jew nisraq xi oġġett postali;

(*ċ*) f'ebda waqt ma jien, u sew jekk naħdem jew ma naħdimx fis-servizz postali, ser nipprovdi informazzjoni dwar oġġetti postali li jgħaddu mill-posta, jew li jiena nikseb minħabba fl-impjieg tiegħi, ħlief meta niġi awtorizzat jew inkun meħtieġ nagħmel dan kif hemm fil-liġi.

Din id-dikjarazzjoni nħalfet solennement quddiemi fi .....

fi (data) ..... .